

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla)

29 ta' Settembru 2011 *

Fil-Kawża C-521/09 P,

li għandha bħala suġġett appell taħt l-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, imressaq fil-11 ta' Diċembru 2009

Elf Aquitaine SA, stabbilita fi Courbevoie (Franza), irrappreżentata minn E. Morgan de Rivery, S. Thibault-Liger u E. Lagathu, avukati,

appellanti,

il-parti l-oħra fil-kawża li hija:

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn A. Bouquet u F. Castillo de la Torre, bħala aġenti, b'indirizz għan-notifika fil-Lussemburgu,

konvenuta fl-ewwel istanza,

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla),

komposta minn J. N. Cunha Rodrigues, President tal-Awla, A. Arabadjiev, A. Rosas, A. Ó Caoimh (Relatur) u P. Lindh, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: P. Mengozzi,
Reġistratur: B. Fülöp, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-25 ta' Novembru 2010,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tas-17 ta' Frar 2011,

tagħti l-preżenti

Sentenza

- ¹ Permezz tal-appell tagħha, Elf Aquitaine SA (iktar 'il quddiem "Elf Aquitaine") titlob prinċipalment lill-Qorti tal-Ġustizzja tannulla s-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej, tat-30 ta' Settembru 2009, Elf Aquitaine vs Il-Kummissjoni (T-174/05, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata"), li permezz

tagħha hija  ahdet ir-rikors tal-appellanti, li jirrigwarda l-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2004) 4876 finali, tad-19 ta' Jannar 2005, dwar pro edura skont l-Artikolu 81 [KE] u l-Artikolu 53 tal-Ftehim  EE (Każ COMP/E-1/37.773 — AMCA) (iktar 'il quddiem id-“deċiżjoni inkwistjoni”), u, sussidjarjament, l-annullament jew it-tnaqis tal-ammont tal-multa imposta lilha.

Il-fatti li wasslu għall-kawża u d-deċiżjoni inkwistjoni

- 2 Mill-informazzjoni li tinsab fil-punti 3 sa 7 tas-sentenza appellata, jirriżulta li l-inkjesta tal-Kummissjoni dwar l-akkordju tal-a idu monokloroa etiku (iktar 'il quddiem l-“AMCA”) bdiet fl-a har tas-sena 1999, wara d-denunzja ta' parte ipant fl-akkordju. Fl-14 u fil-15 ta' Marzu 2000, il-Kummissjoni wettqet spezzjonijiet fuq il-post, fosthom fil-bini ta' sussidjarja tal-appellanti. Fis-7 u fit-8 ta' April 2004, hija bagħtet dikjarazzjoni tal-o gezzjonijiet lil tna-x-il kumpannija differenti, fosthom Elf Aquitaine u din is-sussidjarja (li qabel kienet i g ib l-isem Elf Atochem SA, sussegwentement Atofina SA, u matul l-appell, Arkema SA, iktar 'il quddiem “Atofina” jew “Arkema”).
- 3 Mill-punt 8 tas-sentenza appellata jirriżulta li, fid-deċiżjoni inkwistjoni, il-Kummissjoni kkunsidrat li, essenzjalment, l-impriża kkon ernati b'din id-deċiżjoni kienu pparte ipaw f'kartell bi ksur tal-Artikolu 81 KE.
- 4 Hekk kif jirriżulta mill-punti 9 sa 12 tas-sentenza appellata, fid-deċiżjoni inkwistjoni, il-Kummissjoni, filwaqt li  ahdet l-argumenti tad-difiża ppreżentati minn Elf Aquitaine, sostniet li l-fatt li din tal-a har kellha 98% tal-ishma ta' Atofina kien bi żejjed sabiex timplatalha r-responsabbilt  għall-a ir tas-sussidjarja tagħha. Barra minn hekk, din ikkunsidrat ukoll li  - irkustanza li Elf Aquitaine ma pparte ipatx

fil-produzzjoni u l-bejgħ tal-AMCA, ma timpedixxix milli din tkun ikkunsidrata bħala entità ekonomika waħda mal-unitajiet operattivi l-oħrajn tal-grupp.

- 5 Mill-punt 30 tas-sentenza appellata jirriżulta li l-multa imposta fid-deċiżjoni inkwistjoni lil Elf Aquitaine u lil Arkema, għar-responsabbiltà flimkien u *in solidum*, titla għal EUR 45 miljun.

Ir-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza appellata

- 6 Permezz tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ċaħdet il-ħdax-il motiv mressqa quddiemha u kkundannat lill-appellanti għall-ispejjeż. Il-Qorti Ġenerali għamlet dan billi esponiet b'mod partikolari dawk il-kunsiderazzjonijiet li jinsabu iktar 'il quddiem.
- 7 Bl-ewwel motiv tagħha, l-appellanti kienet argumentat li d-deċiżjoni inkwistjoni kisret darbtejn id-drittijiet tad-difiża tagħha, minħabba li minn naħa, għet adottata wara proċedura li fiha l-prinċipju ta' opportunitajiet ugwali ġie miksuri (l-ewwel parti) u, min-naħa l-oħra, kienet ittieħdet mill-Kummissjoni bi ksur tal-obbligu li tikkunsidra r-riżultat tal-proċedura amministrattiva (it-tieni parti).
- 8 Fil-punti 54 sa 72 tas-sentenza appellata, meta ċaħdet l-ewwel motiv fl-intier tiegħu, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet dan li ġej:

“[...]”

64 Għandu wkoll jiġi miċħud l-ilment li jgħid li l-imputabbiltà tar-rikorrenti għar-responsabbiltà tal-ksur imwettaq minn Arkema mhux suffiċjentement sostnut, fid-deċiżjoni [inkwistjoni], sabiex tiġi ġġustifikata r-responsabbiltà tagħha. Fil-fatt, jirriżulta espliċitament [...] minn [din] id-deċiżjoni [...] li l-Kummissjoni fakkret il-prinċipji applikabbli għall-imputabbiltà lill-kumpanniji parent għall-ksur mwettaq mis-sussidjarji tagħhom. Il-fatt li l-Kummissjoni ma wettqet l-ebda investigazzjoni kontriha, ma indirizzatilha l-ebda talba għal informazzjoni u ma kkuntattjathix qabel ma bagħtet id-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet ma jwassalx biex jiġi kkontestat il-fatt li l-Kummissjoni setgħet tinformaha bl-ilmenti mqajma kontriha, għall-ewwel darba fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet. Fil-fatt, l-appellanti kienet f'pożizzjoni li twassal il-fehma tagħha matul il-proċedura amministrattiva dwar ir-realtà u r-rilevanza tal-fatti u taċ-ċirkustanzi allegati mill-Kummissjoni fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet tagħha, kemm fl-osservazzjonijiet tagħha bi tweġiba għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet kif ukoll fis-seduta mal-uffiċjal tas-seduta.

[...]"

- 9 Meta ċaħdet bħala infondata it-tieni motiv invokat quddiemha, ibbażat fuq motivazzjoni insuffiċjenti, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet kif ġej:

"85 [...] jirriżulta mill-premessa 258 tad-deċiżjoni [inkwistjoni] li '[l-]Kummissjoni tikkunsidra li l-fatt li Elf Aquitaine għandha 98% mill-azzjonijiet ta' Atofina huwa biżżejjed fih innifsu biex tatribbwixxi r-responsabbiltà għall-azzjonijiet ta' Atofina lil Elf Aquitaine. Il-Kummissjoni tqis li l-argumenti msemmija [minn Elf Aquitaine] ma jikkostitwixxux prova biżżejjed sabiex il-preżunzjoni, ibbażata fuq il-fatt li għandha 98% tal-azzjonijiet, tiġi eskluża. Fl-istess premessa, hija tippreċiża li 'dawn l-argumenti huma affermazzjonijiet li ma jeskludux il-preżunzjoni li Elf Aquitaine hija responsabbli għall-atti tas-sussidjarja tagħha Atofina' u li hija ma tikkunsidrax li d-'dokumenti li jipprovdu ħarsa ġenerali tal-ġestjoni tan-negozju huma biżżejjed sabiex tirribatti din il-preżunzjoni'.

- 86 Għandu jiġi kkonstatat li għalkemm il-Kummissjoni ddikjarat espliċitament fil-premessa 258 tad-deċiżjoni [inkwistjoni], li ż-żamma ta' 98% tal-kapital kien biżżejjed sabiex ir-responsabbiltà għall-azzjonijiet ta' Atofina tkun imputabbli lil Elf Aquitaine, din madankollu ppreċiżat fl-istess premessa, li l-provi pprovduti mir-rikorrenti ma jirribattux il-preżunzjoni. Tali kunsiderazzjonijiet huma parti mill-ġurisprudenza Komunitarja fuq l-imputazzjoni lill-kumpannija parent ta' aġir li jikkostitwixxi ksur tas-sussidjarja tagħha. Minn dan jirriżulta li r-raġunament tal-Kummissjoni huwa espliċitu biżżejjed u jippermetti li wieħed jifhem ir-raġunijiet għalfejn hija ma laqgħatx l-argumenti mressqa minn Elf Aquitaine.
- 87 F'dak li jirrigwarda l-allegat nuqqas ta' motivazzjoni dwar ir-raġunijiet li għalihom l-argumenti ta' Elf Aquitaine ġew esklużi, għandu jiġi kkonstatat li l-Kummissjoni semmiet dawn l-argumenti, fil-premessa 257 tad-deċiżjoni [inkwistjoni], hekk kif kienu mressqa minn Elf Aquitaine fir-risposta tagħha għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet. Hija wegħithom fil-premessi 258 sa 261 tad-deċiżjoni [inkwistjoni].
- 88 B'mod partikolari, għandu jiġi osservat li l-Kummissjoni kkunsidrat li Elf Aquitaine kienet illimitat ruħha li tagħmel dikjarazzjonijiet u li d-dokumenti li hija pprovdiet jagħtu biss ħarsa ġenerali tal-ġestjoni kummerċjali tal-kumpannija.
- 89 Tali risposta għall-argumenti mressqa minn Elf Aquitaine, għalkemm fil-qosor, jippermettu li jinftiehmu r-raġunijiet li għalihom il-Kummissjoni ivaħdithom. Fil-fatt, il-Kummissjoni wieġbet għall-punti essenzjali tal-argumenti ta' Elf Aquitaine, billi kkunsidrat il-provi kollha pprovduti minnha.

90 F'kull każ, ma kienx għall-Kummissjoni li twieġeb l-oġġezzjonijiet kollha tar-rikorrenti. Fil-fatt, il-Kummissjoni ma hijiex marbuta tiegħu pożizzjoni fuq l-argumenti kollha invokati quddiemha mill-persuni kkonċernati, iżda huwa suffiċjenti li tesponi l-fatti u l-kunsiderazzjonijiet ġuridiċi ta' importanza essenzjali fl-iskema ġenerali tad-deċiżjoni [...]"

10 Fil-punti 97 sa 99 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ċaħdet it-tielet motiv invokat quddiemha, ibbażat fuq il-kontradizzjoni tal-motivi bejn l-imputazzjoni tal-ksur lil Elf Aquitaine u l-għarfien tal-livell ta' parteċipazzjoni baxxa ta' Atofina fil-ksur. F'dan ir-rigward, b'mod partikolari ġie meġjus fil-punt 97 tas-sentenza appellata:

"[...] il-livell ta' responsabbiltà tal-persunal li pparteċipa fl-akkordju ftit li xejn huwa ta' rilevanza, peress li ma hijiex relazzjoni fejn il-kumpannija parent instigat lis-sussidjarja tagħha biex tikkommetti l-ksur jew, *a fortiori*, għax il-kumpannija parent hija involuta fil-ksur, iżda għaliex jikkostitwixxu impriża waħda għall-finijiet tal-Artikolu 81 KE li jawtorizza lill-Kummissjoni tindirizza d-deċiżjoni li timponi multi fuq il-kumpannija parent ta' grupp ta' kumpanniji. Għalhekk, il-fatt li l-kumpannija parent ma kellha l-ebda għarfien tal-ksur imwettaq mis-sussidjarja tagħha ma huwiex biżżejjed sabiex tevita r-responsabbiltà."

11 Din id-dikjarazzjoni tidher, f'kuntesti oħrajn, fil-punti 52, 167 u 186 tas-sentenza appellata.

12 Kif jirriżulta mill-punt 100 tas-sentenza appellata, ir-raba' motiv invokat quddiem il-Qorti Ġenerali, ibbażat fuq ksur tar-regoli li jirregolaw l-imputabbiltà ta' kumpannija parent għall-ksur imwettaq mis-sussidjarja tagħha, kien maqsum fi tliet partijiet.

- 13 Fil-kuntest tal-ewwel parti, l-appellanti sostniet b'mod partikolari li l-Kummissjoni ma għandhiex marġni ta' diskrezzjoni sabiex tiddetermina l-kriterju rilevanti tal-imputabbiltà tal-ksur.
- 14 Il-Qorti Ġenerali ċaħdet dawn it-tliet motivi fil-punti 105 sa 109 tas-sentenza appellata. Fil-punt 105 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali osservat:

“[...] il-Kummissjoni ma tippretendix li għandha setgħa diskrezzjonali sabiex timputa lil kumpannija r-responsabbiltà għal ksur imwettqa minn kumpannija oħra. Fil-fatt, waqt li l-Kummissjoni ddikjarat fil-premessa 260 tad-deċiżjoni [inkwistjoni] li hija għandha marġni ta' diskrezzjoni dwar l-imputabbiltà tar-responsabbiltà tal-kumpannija parent f'ċerti ċirkustanzi bħal dawn, dan kien biss wara li enfasizzat, fil-premessa 258 tad-deċiżjoni [inkwistjoni], li r-rikorrenti kienet naqset milli tirribatti l-preżunzjoni ta' awtonomija tas-sussidjarja tagħha. Barra minn hekk, jirriżulta b'mod ċar mid-deċiżjoni [inkwistjoni] li l-osservazzjoni magħmula fil-premessa 260 kienet tfitteż biss li teskludi l-argument ibbażat fuq in-nuqqas ta' imputabbiltà, f'deċiżjonijiet preċedenti indirizzati lil Atofina, dwar l-aġir ta' din tal-aħħar lill-kumpannija parent. Barra minn hekk, matul is-seduta u fis-sottomissjonijiet tagħha bil-miktub, il-Kummissjoni indikat li hija effettivament qieset li l-marġni ta' diskrezzjoni tagħha kellu jintervjeni fejn, meta hija kienet kapaċi li timputa r-responsabbiltà għal ksur lil diversi kumpanniji fi grupp, hija għażlet li timputa dan lill-kumpanniji kollha tal-grupp jew biss lil dawk li direttament ipparteċipaw fil-ksur.”

- 15 Fil-punti 121 sa 126 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ċaħdet bħala infondata t-tieni parti tar-raba' motiv invokat quddiemha, li jallega li l-applikazzjoni tal-preżunzjoni ta' imputabbiltà, li ma kinitx sostnuta minn provi konkreti, tikser il-prinċipju ta' awtonomija tas-sussidjarja.

16 It-tielet parti tar-raba' motiv jirriżulta minn ksur tar-regoli dwar il-provi li jirregolaw ir-responsabbiltà ta' ksur fi ħdan gruppi ta' kumpanniji. Il-Qorti Ġenerali ċaħdet din il-parti fil-punti 150 sa 176 tas-sentenza appellata.

17 F'dan ir-rigward, fil-punt 157 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali rrilevat:

“[...] l-ilment tar-rikorrenti li l-Kummissjoni injorat ir-regoli dwar il-provi li jirregolaw ir-responsabbiltà ta' ksur fi ħdan gruppi ta' kumpanniji ma jistax jintlaqa'. Fil-fatt, peress li kważi l-kapital kollu kien miżmum, meta seħħ il-ksur, minn Elf Aquitaine, kien korrett li wieħed jassumi li l-Kummissjoni setgħet tassumi nuqqas ta' awtonomija u tikkunsidra li kien għal Elf Aquitaine li tipproduċi provi li juru li s-sussidjarja tagħha kienet tiddeċiedi b'mod awtonomu l-kors tal-azzjonijiet tagħha fis-suq.”

18 Fil-punt 158 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li kien f'dawn iċ-ċirkustanzi li kellhom jiġu analizzati l-provi pprovduti minn Elf Aquitaine sabiex tirribatti l-preżunzjoni applikata mill-Kummissjoni. Għal dan il-għan, fil-punt 159 tas-sentenza appellata, hija qieset dan li ġej:

“[...] il-Kummissjoni segwiet, fil-premessa 257 tad-deċiżjoni [inkwistjoni], l-argumenti mressqa minn Elf Aquitaine fir-risposta tagħha għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, li jinkludu l-argumenti li ma kinitx ħadet parti direttament jew indirettament fl-akkordju AMCA, li hija 'holding pura', mingħajr funzjonijiet operazzjonali, li Atofina tgawdi minn awtonomija sħiħa fir-rigward tal-politika kummerċjali tagħha u l-aġir tagħha fis-suq, li d-dokumenti fil-fajl tal-Kummissjoni jirreferu esklużivament għal Atofina u li partijiet terzi wkoll jikkunsidraw li Atofina biss kienet topera fis-suq. Hija

tikkonkludi fil-premessa segwenti li dawn l-argumenti huma sempliċi stqarrijiet li ma jeskludux il-preżunzjoni li Elf Aquitaine hija responsabbli mill-atti tas-sussidjarja tagħha, u tinnota li d-dokumenti jipprovdu ħarsa ġenerali lejn il-ġestjoni tan-negożju huma insuffiċjenti biex tiġi esklużi din il-preżunzjoni.”

- 19 Barra minn hekk, fil-punti 160 sa 176 tar-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ċaħdet numru ta' argumenti mressqa mill-appellanti sabiex tirribatti l-preżunzjoni applikata fir-rigward tagħha fid-deċiżjoni inkwistjoni.
- 20 Fil-punti 184 sa 188 u 192 sa 199 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ċaħdet il-ħames motiv fit-tliet partijiet tiegħu, ibbażati rispettivament fuq ksur tal-prinċipju ta' responsabbiltà personali, ta' legalità u ta' preżunzjoni ta' innoċenza.
- 21 Fil-punti 200 sa 207 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ċaħdet it-sitt motiv quddiemha, ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba.
- 22 Hekk kif jirriżulta mill-punt 208 tas-sentenza appellata, l-appellanti, permezz tas-seba' motiv tagħha invokat quddiem il-Qorti Ġenerali, argumentat li l-approċċ il-ġdid tal-Kummissjoni dwar il-kriterju tal-imputabbiltà tal-ksur tas-sussidjarji ta' gruppi lill-kumpanniji parent tagħhom, kif applikat fid-deċiżjoni inkwistjoni, joħloq inċertezza legali, b'mod li l-Qorti Ġenerali kellha tannulla d-deċiżjoni inkwistjoni sa fejn tirrigwarda lill-appellanti. Fil-fatt, il-Kummissjoni tapplika kriterji ta' imputabbiltà differenti minn dawk użati fid-deċiżjoni inkwistjoni fir-rigward ta' Akzo Nobel NV u Clariant AG u minn dawk applikati fir-rigward ta' Atofina fid-Deċiżjoni C(2003) 4570 finali tagħha, tal-10 ta' Diċembru 2003, dwar proċedura skont l-Artikolu 81 tat-Trattat KE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/E-2/37.857 — Perossidi organiċi) (ĠU 2005, L 110, p. 44, iktar 'il quddiem id-“deċiżjoni perossidi organiċi”).

23 Waqt li fil-punti 210 sa 216 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ċaħdet dan il-motiv, fil-punt 213 tas-sentenza appellata hija b'mod partikolari ddeċidiet:

“F’dan il-każ, jekk il-Kummissjoni ddeċidiet li timputa r-responsabbiltà għall-ksur ikkonstatat lill-kumpannija li tikkonsisti mill-kumpannija parent u mis-sussidjarja tagħha, filwaqt li fil-prattika preċedenti tagħha hija kienet tonqos milli tagħmel hekk, id-deċiżjoni tagħha madankollu ma tistax tikser il-prinċipju ta’ ċertezza legali. [...] Għalhekk, peress li f’dan il-każ, il-Kummissjoni ġustament iddeċidiet li Elf Aquitaine u s-sussidjarja tagħha Arkema flimkien jikkostitwixxu impriża, u imponiet il-multa liż-żewġ kumpanniji flimkien u *in solidum*, hija ma kisritx il-prinċipju ta’ ċertezza legali.”

24 Fil-punti 220 *et seq* tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ċaħdet, wieħed wara l-ieħor, it-tmien motiv sal-ħdax-il motiv invokat quddiemha, qabel ma kkonkludiet, fil-punt 244 tas-sentenza appellata, li r-rikors ippreżentat quddiemha għandu jiġi miċħud fl-intier tiegħu.

It-talbiet tal-partijiet

25 Bl-appell tagħha, l-appellanti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

- prinċipalment, tannulla s-sentenza appellata kollha kemm hi;
- tilqa’ t-talbiet ippreżentati fl-ewwel istanza;
- konsegwentement, tannulla l-Artikoli 1(d), 2(c), 3 u 4(9) tad-deċiżjoni inkwistjoni;

- sussidjarjament, tannulla jew tnaqqas il-multa ta' EUR 45 miljun imposta flimkien u *in solidum* lil Arkema u lil Elf Aquitaine permezz tal-Artikolu 2(c) tad-deċiżjoni inkwistjoni skont il-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha, u

- fi kwalunkwe każ, tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż, inklużi dawk sostnuti mill-appellanti quddiem il-Qorti Ġenerali.

²⁶ Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħgħobha:

- tiċħad l-appell, u

- tikkundanna lill-appellanti għall-ispejjeż.

Fuq l-appell

²⁷ Prinċipalment, l-appellanti tinvoka ħames aggravji, ibbażati rispettivament fuq:

- żball ta' dritt tal-Qorti Ġenerali peress li din naqset milli tislet il-konsegwenzi tan-natura repressiva tas-sanzjonijiet li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE;

- ksur tad-drittijiet tad-difiża li jirriżultaw mill-interpretazzjoni żbaljata tal-prinċipji ta' ekwità u opportunitajiet ugwali għall-partijiet;
 - żbalji ta' dritt dwar l-obbligu ta' motivazzjoni;
 - ksur tal-Artikolu 263 TFUE li jirriżulta minn nuqqas ta' osservanza tal-limiti ta' sfharrig tal-legalità, u
 - ksur tar-regoli li jirregolaw l-imputabbiltà tas-sanzjonijiet fil-qasam tad-dritt tal-kompetizzjoni.
- ²⁸ Sussidjarjament, l-appellanti tinvoka s-sitt aggravju, ibbażat fuq il-fatt li l-iżbalji ta' dritt u l-ksur imwettqa mill-Qorti Ġenerali għandhom minn tal-inqas iwasslu għall-annullament jew għat-tnaqqis tal-multa imposta fuq l-appellanti

Fuq l-ewwel aggravju, ibbażat fuq żball ta' dritt tal-Qorti Ġenerali peress li din naqset milli tislet il-konsegwenzi tan-natura repressiva tas-sanzjonijiet li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE

L-argumenti tal-partijiet

- ²⁹ L-appellanti ssostni li n-natura repressiva — fis-sens tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950 (iktar 'il quddiem il-“KEDB”) — tas-sanzjonijiet imposti skont l-Artikolu 101 TFUE ma jistax jiġi kkontestat.

- 30 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-appellanti tqis li l-Qorti Ġenerali, b'mod partikolari fil-punti 185 sa 187 kif ukoll 194 u 197 tas-sentenza appellata, applikat b'mod żbaljat il-prinċipji ta' responsabbiltà personali u ta' individwalità tal-pieni kif ukoll tal-preżunjoni ta' innoċenza ggarantiti mill-Artikolu 6(1) u (2) tal-KEDB.
- 31 Għalhekk, minn naħa, b'mod ġenerali, il-Qorti Ġenerali applikat b'mod żbaljat dawn l-aħħar prinċipji biss għall-impriża ffurmata minn Elf Aquitaine u Arkema, jiġifieri entità nieqsa minn kull personalità ġuridika, u mhux lil dawn iż-żewġ kumpanniji bħala persuni legali distinti, li għandhom biss il-karatteristiċi neċessarji sabiex ikunu jistgħu jibbenefikaw b'mod effettiv u konkret mid-drittijiet suġġettivi li jirriżultaw mill-prinċipji msemmija iktar 'il fuq. B'dan il-mod, il-Qorti Ġenerali qerdet l-effettività u l-konkretezza tad-drittijiet suġġettivi li jirriżultaw mill-prinċipji msemmija iktar 'il fuq billi ma tippermettix lil dawk l-entitajiet li għandhom il-karatteristiċi sabiex jagħmlu dan li jitolbu dan il-benefiċċju, li fl-aħħar nett kien jippermettilhom jirrestrinġu l-aċċess għall-imħallef.
- 32 Min-naħa loħra, b'mod iktar speċifiku, il-metodu msemmi hawn fuq kien iwassal lill-Qorti Ġenerali teskludi lill-appellanti mill-kamp ta' applikazzjoni:

— tal-prinċipju ta' preżunjoni tal-innoċenza, billi tiċħad fir-rigward tagħha kull valur tal-investigazzjoni preliminari; u

— tal-prinċipji ta' responsabbiltà personali u ta' individwalità tal-pieni, billi tafferma, fil-punti 97, 152, 167 u 186 tas-sentenza appellata, li l-imputabbiltà tar-responsabbiltà lil kumpannija parent ma hijiex ibbażata fuq "relazzjoni fejn il-kumpannija parent instigat lis-sussidjarja tagħha biex tikkommetti l-ksur jew, *a fortiori*, għax il-kumpannija parent hija involuta fil-ksur", u b'hekk teskludi r-rilevanza tal-gamma ta' indizji invokati mill-appellanti sabiex turi li hija ma

kinitx personalment wettqet xi ksur, li hija ma kinitx taf bit-twettiq tal-ksur ikkontestat u li s-sussidjarja tagħha kienet awtonoma fis-suq.

- 33 Barra minn hekk, l-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali ma setgħetx tinvoka, fil-punti 210 u 212 tas-sentenza appellata, prinċipju ta' effikaċja tad-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni fir-rigward ta' persuna sabiex jitnaqqsu d-drittijiet fundamentali tiegħu favur it-tiżiħ tas-setgħat tal-Kummissjoni.
- 34 Il-Kummissjoni ssostni b'mod partikolari li l-ewwel aggravju ma jikkorrispondix ma' motiv invokat fl-ewwel istanza u ma jirrigwarda l-ebda parti tas-sentenza appellata.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

- 35 Skont l-Artikolu 113(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-appell ma jistax jibdel is-suġġett tal-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali. Għalhekk, il-kompetenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, fil-kuntest tal-appell, hija fil-fatt limitata għall-evalwazzjoni tas-soluzzjoni legali li nġhatat għall-motivi dibattuti fl-ewwel istanza. Għaldaqstant, parti ma tistax temenda s-suġġett ta' kawża billi tqajjem għall-ewwel darba quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja motiv li hija setgħet tqajjem quddiem il-Qorti Ġenerali iżda li hija ma qajmitx, għaliex hekk hija tkun qed tressaq kwistjoni iktar wiesgħa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, li l-kompetenza tagħha fil-qasam ta' appell hija limitata, minn dik li kellha quddiemha l-Qorti Ġenerali (ara f'dan is-sens, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-1 ta' Ġunju 1994, *Il-Kummissjoni vs Brazzelli Lualdi et*, C-136/92 P, Ġabra p. I-1981, punt 59; tat-30 ta' Marzu 2000, *VBA vs VGB et*, C-266/97 P, Ġabra p. I-2135, punt 79, kif ukoll tal-14 ta' Ottubru 2010, *Deutsche Telekom vs Il-Kummissjoni*, C-280/08 P, Ġabra p. I-9555, punt 34). Għalhekk, tali aggravju għandu jiġi kkunsidrat bħala inammissibbli fl-istadju tal-appell.

- 36 F'dan il-każ, permezz tal-ewwel aggravju tagħha, l-appellanti tallega li l-Qorti Ġenerali ma ċaħditx in-natura “kriminali”, fis-sens tal-ġurisprudenza taħt l-Artikolu 6 tal-KEDB, tal-multi imposti skont l-Artikolu 81 KE, iżda, li essenzjalment, kisret id-drittijiet fundamentali li hija tgawdi bħala persuna ġuridika miżmuma responsabbli għal ksur li hemm marbutin miegħu xi sanzjonijiet, li fl-opinjoni tagħha, għandhom tali karattru. Billi, meta wieħed jaraha minn din il-perspettiva, dan l-aggravju ma jibdix is-suġġett tal-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali, ma hemm ebda raġuni sabiex din tiġi miċħuda bħala inammissibbli (ara, b'analoġija, is-sentenza tat-18 ta' Jannar 2007, PKK u KNK vs Il-Kunsill, C-229/05 P, Ġabra p. I-439, punti 66 u 67).
- 37 Madankollu, hekk kif jirriżulta b'mod partikolari mill-punti 27, 87 u 99 ta' din is-sentenza, il-kritika speċifika mqajma minn Elf Aquitaine fil-kuntest ta' dan l-aggravju, essenzjalment tikkoinċidi ma' dik imqajma fil-kuntest ta' aggravji oħra, b'mod partikolari, it-tieni u l-ħames wieħed. Billi dawn il-kritiki ma għandhom l-ebda awtonomija reali fir-rigward ta' dawn l-aggravji l-oħra, ma huwiex neċessarju li dawn jiġu eżaminati hawnhekk.
- 38 Bl-istess mod, billi l-ewwel aggravju li b'mod ġenerali huwa kkontestat lill-Qorti Ġenerali għax din applikat b'mod żbaljat il-prinċipji ta' responsabbiltà personali u ta' individwalità tal-pieni kif ukoll ta' preżunzjoni ta' innoċenza mhux biss lill-appellanti, iżda lill-“impriża” kkosistitwita b'mod partikolari minn Elf Aquitaine u mis-sussidjarja tagħha Arkema, dan l-aggravju iwassal għal ksur materjali ta' dawn il-prinċipji fir-rigward tal-appellanti u sabiex l-interpretazzjoni tal-Qorti Ġenerali tal-kunċett ta' “impriża” fis-sens tal-Artikolu 81 KE tiġi inkwistjoni. Billi dawn l-allegazzjonijiet jikkoinċidu f'ċerti aspetti mat-tieni u mal-ħames aggravju, dawn għandhom jiġu indirizzati fil-kuntest tal-eżami ta' dawn l-aħħar aggravji.
- 39 Fir-rigward tal-kritika magħmula fil-punt 33 ta' din is-sentenza, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li, kuntrarjament għall-allegazzjonijiet tal-appellanti, il-Qorti Ġenerali ma qalitx, fil-punti 210 u 212 tas-sentenza appellata, li prinċipju ta' effettività tad-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni jista' jiġi invokat fir-rigward ta' persuna sabiex jitnaqqsu d-drittijiet fundamentali tagħha.

- 40 Billi din il-kritika hija bbażata fuq qari żbaljat tas-sentenza appellata, din għandha tiġi miċħuda bħala infondata.
- 41 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, l-ewwel għandna nibdew bil-ħames aggravju.

Fuq il-ħames aggravju, ibbażat fuq ksur tar-regoli li jirregolaw l-imputabbiltà tas-sanzjonijiet fil-qasam tad-dritt tal-kompetizzjoni

Fuq l-ewwel parti tal-ħames aggravju li tgħid li n-natura repressiva tas-sanzjonijiet li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE jsaħħu l-inammissibbiltà fid-dritt tal-Unjoni tal-preżunzjoni tar-responsabbiltà li *de facto* hija inkonfutabbli applikata lill-appellanti

— L-argumenti tal-partijiet

- 42 L-appellanti ssostni li n-natura repressiva tas-sanzjonijiet taħt l-applikazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE u l-konfużjoni istituzzjonali tal-kompetenzi minn naħa tal-prosekuzzjoni kellhom jipprevjenu lill-Qorti Ġenerali milli tivvalida l-applikazzjoni magħmula mill-Kummissjoni tal-preżunzjoni ta' responsabbiltà minflok il-ħtieġa għal prova ta' interferenza tal-appellanti fil-ġestjoni tas-sussidjarja tagħha.

- 43 Barra minn hekk, tali preżunzjoni hija *de facto* inkonfutabbli, sal-punt li l-karattru inkonfutabbli tiegħu jeqred b'mod partikolari r-regoli dwar l-oneru tal-prova u l-preżunzjoni ta' innoċenza.
- 44 Skont l-appellanti, in-natura inkonfutabbli tal-preżunzjoni, kif interpretata mill-Qorti Ġenerali, tirriżulta mill-għaqda ta' dawn l-elementi li ġejjin:
- id-dikjarazzjoni fil-punti 86 u 150 tas-sentenza appellata li r-rabta li tikkonċerna l-kapital hija waħidha biżżejjed sabiex tapplika l-preżunzjoni ta' nuqqas ta' awtonomija tas-sussidjarja;
 - l-ammissjoni mill-Qorti Ġenerali, fil-punt 105 tas-sentenza appellata, ta' setgħa diskrezzjonali tal-Kummissjoni li timputa r-responsabbiltà tal-ksur meta l-kumpannija parent għandha 98 % jew iktar tal-kapital tas-sussidjarja tagħha, u
 - it-tip ta' evalwazzjoni li l-Qorti Ġenerali għamlet, fil-punti 160 *et seq* tas-sentenza appellata, tal-gamma ta' indizji prodotti mill-appellanti u li juru n-nuqqas ta' interferenza minn din tal-aħħar fil-ġestjoni tas-sussidjarja tagħha.
- 45 F'dan ir-rigward, fl-opinjoni tal-appellanti, il-Qorti Ġenerali qađdet il-valur probatorju ta' din il-gamma ta' indizji billi rrikjediet minnha provi ta' nuqqas ta' interferenza, li neċessarjament ikunu negattivi. Il-Qorti Ġenerali teħtieġ *probatio diabolica* li, b'mod ġenerali, hija inammissibbli fis-sistema tal-prova tal-Unjoni. Skont l-appellanti, din is-sistema ta' prova inkonfutabbli għandha b'mod partikolari tiġi kkundannata billi din tikser id-dritt għal aċċess għal sħarriġ ġudizzjarju effettiv.

- 46 Skont l-appellanti, il-Qorti Ġenerali illegalment qalbet l-oneru tal-prova fuq il-prosekuzzjoni, partikolarment billi ċaħdet waħda wara l-oħra l-gamma ta' indizji li l-appellanti pproduċiet quddiem il-Kummissjoni, b'mod konformi mas-sentenza tal-10 ta' Settembru 2009, Akzo Nobel *et vs* Il-Kummissjoni (C-97/08 P, Ġabra p. I-8237, punt 65). Għalhekk, skont l-appellanti, il-Qorti Ġenerali introduċiet żbilanċ inaċċettabbli bejn, minn naħa, l-appellanti, li għandha fuqha piż li huwa impossibbli għaliha li tassumi, u min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni, li tista' tkun sodisfatta bi preżunzjoni ta' responsabbiltà sabiex tapplika sanzjonijiet repressivi, filwaqt li tgawdi minn allegata setgħa ta' diskrezzjoni sabiex tapplika jew le tali preżunzjoni.
- 47 Barra minn hekk, l-appellanti targumenta wkoll li l-Qorti Ġenerali, kuntrarjament għal dak li tgħid fil-punt 171 tas-sentenza appellata, ma evalwatx il-gamma ta' indizji kollha. Skont l-appellanti, b'mod konformi mad-dispożizzjonijiet li jirriżultaw mis-sentenza Akzo Nobel *et vs* Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, dawn il-provi kienu jirrigwardaw rabtiet organizzattivi, ekonomiċi u ġuridiċi bejn is-sussidjarja tagħha u hija stess u li juru li hija ma tikkostitwixxix entità ekonomika waħda. Madankollu, il-valur probatorju tal-provi jirriżulta mill-indizji kollha meħudin flimkien u mhux neċessarjament minn kull indizju meħud b'mod iżolat.
- 48 Il-Kummissjoni tqis li l-Qorti Ġenerali, fil-punti 172 u 173 tas-sentenza appellata, indikat li l-preżunzjoni ta' nuqqas ta' awtonomija tas-sussidjarja ma hijiex inkonfutabbli. Hija tikkunsidra wkoll li l-motiv invokat quddiem il-Qorti Ġenerali dwar l-imputabbiltà, ġie rrifjutat minħabba li, hekk kif jirriżulta b'mod partikolari mill-punti 163 sa 165, 167 u 169 tas-sentenza appellata, l-appellanti llimitat ruħha li tibbaża fuq affermazzjonijiet li ma kinux sostnuti minn provi. Għall-Kummissjoni, is-sempliċi fatt li ħtieġet provi insostenn ta' sempliċi dikjarazzjoni ma jbiddux il-preżunzjoni inkwistjoni fi preżunzjoni inkonfutabbli.
- 49 Skont il-Kummissjoni, iż-żamma minn kumpannija parent tal-kapital kollu jew ta' kważi l-kapital kollu ta' sussidjarja jippermetti biss li wieħed jassumi, sakemm ippruvat mod ieħor, li dawn il-kumpanniji jagħmlu parti mill-istess "impriża"

taħt l-Artikolu 101(1) TFUE. F'dan il-każ, l-appellanti ma tistax tikkontesta lill-Kummissjoni li kkunsidrat li l-preżunzjoni ma kinitx maqluba hekk kif hija ppreżentat provi ta' "awtonomija" li ma kinux biżżejjed jew argumenti mhux rilevanti sabiex jiġi determinat jekk is-sussidjarja u l-kumpannija parent jiffurmaw entità ekonomika.

- 50 Fir-rigward tal-argumenti tal-appellanti esposti fil-punt 47 ta' din is-sentenza, il-Kummissjoni ssostni li, fir-realtà, l-appellanti tidher li qed tikkontesta l-evalwazzjoni tal-provi mill-Qorti Ġeneral, li huwa inammissibbli fl-appell. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali wettqet evalwazzjoni ġenerali. Jekk ma kellhiex l-opportunità li tevalwa ċerti indizji allegati mill-Kummissjoni, dan kien biss minħabba li ħafna minn dawn l-indizji ma kinux sostnuti bi provi.

— Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

- 51 Billi din l-ewwel parti tal-ħames aggravju, l-appellanti tikkonstata konfużjoni fir-rwoli tal-Kummissjoni fil-qasam tal-politika tal-kompetizzjoni tal-Unjoni, għandu jingħad li din, bi ksur tal-Artikolu 113(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, qed tipprova tbiddel is-suġġett tal-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali. Għalhekk, għandha tiġi kkunsidrata bħala inammissibbli taħt il-ġurisprudenza msemmija fil-punt 35 ta' din is-sentenza.
- 52 Madankollu, huwa neċessarju li din l-ewwel parti tal-ħames aggravju għandha tiġi kkunsidrata bħala ammissibbli billi din hija diretta, indipendentement mill-kunsiderazzjonijiet li jirriżultaw minn din il-konfużjoni, kontra l-applikazzjoni, fis-sentenza appellata, ta' preżunzjoni li essenzjalment kumpannija parent li żżomm il-kapital azzjonarju kollu jew kważi kollu tas-sussidjarja tista' tiġi kkunsidrata bħala

responsabbli għall-ksur ta' din is-sussidjarja skont ir-regoli tal-Unjoni fil-qasam tal-kompetizzjoni.

- 53 F'dan ir-rigward, għandu jifakkar l-ewwel nett li hija ġurisprudenza stabbilita li l-kunċett ta' impriża jinkludi kull entità li twettaq attività ekonomika, indipendentement mill-istatus ġuridiku ta' din l-entità u l-mod kif tiġi ffinanzjata. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat, minn naħa, li l-kunċett ta' impriża, meta jitqiegħed f'dan il-kuntest, għandu jinftiehem bħala li jkopri unità ekonomika anki jekk, mill-perspettiva ġuridika, din l-entità ekonomika hija magħmula minn diversi persuni fiżiċi jew ġuridiċi u, min-naħa l-oħra, li fejn tali entità ekonomika tikser ir-regoli tal-kompetizzjoni, hija għandha, skont il-prinċipju ta' responsabbiltà personali, tirrispondi għal tali ksur (ara s-sentenzi tal-20 ta' Jannar 2011, *General Química et vs Il-Kummissjoni*, C-90/09 P, Ġabra p. I-1, punti 34 u 35, u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll tad-29 ta' Marzu 2011, *ArcelorMittal Luxembourg vs Il-Kummissjoni u Il-Kummissjoni vs ArcelorMittal Luxembourg et*, C-201/09 P u C-216/09 P, Ġabra p. I-2239, punt 95).
- 54 Minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li l-aġir ta' sussidjarja jista' jiġi imputat lill-kumpannija parent b'mod partikolari meta, għalkemm ikollha personalità ġuridika distinta, din is-sussidjarja ma tiddeterminax b'mod awtonomu l-aġir tagħha fis-suq, iżda tapplika essenzjalment l-istruzzjonijiet li jingħatawliha mill-kumpannija parent, b'mod partikolari fid-dawl tar-rabtiet ekonomiċi, organizzattivi u ġuridiċi li jgħaqqdu lil dawn iż-żewġ entitajiet ġuridiċi (ara s-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq *Akzo Nobel et vs Il-Kummissjoni*, punt 58, kif ukoll *General Química et vs Il-Kummissjoni*, punt 37).
- 55 Fil-fatt, f'tali sitwazzjoni, il-kumpannija parent u s-sussidjarja tagħha jagħmlu parti mill-istess unità ekonomika u b'hekk jiffurmaw impriża waħda għall-finijiet tal-Artikolu 81 KE, u għaldaqstant, il-Kummissjoni tista' tindirizza deċiżjoni li fiha timponi multi lill-kumpannija parent mingħajr ma jkollha għalfejn tistabbilixxi

l-implikazzjoni personali ta' din tal-aħħar fil-ksur (ara s-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Akzo Nobel *et vs* Il-Kummissjoni, punt 59, kif ukoll General Química *et vs* Il-Kummissjoni, punt 38).

56 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li, fil-każ speċifiku fejn kumpannija parent iżżomm 100% tal-kapital tas-sussidjarja tagħha li tkun wettqet ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni tal-Unjoni, minn naħa, din il-kumpannija parent tista' teżerċita influwenza determinanti fuq l-aġir ta' din is-sussidjarja, u, min-naħa l-oħra, teżisti preżunzjoni konfutabbli li tgħid li l-imsemmija kumpannija parent effettivament teżerċita tali influwenza (iktar 'il quddiem il-“preżunzjoni tal-eżerċizzju effettiv ta' influwenza determinanti”) (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-25 ta' Ottubru 1983, AEG-Telefunken vs Il-Kummissjoni, 107/82, Ġabra p. 3151, punt 50; Akzo Nobel *et vs* Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 60; General Química *et vs* Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 39, kif ukoll ArcelorMittal Luxembourg vs Il-Kummissjoni u Il-Kummissjoni vs ArcelorMittal Luxembourg *et*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 97).

57 F'dawn iċ-ċirkustanzi, huwa biżżejjed li l-Kummissjoni tipprova li l-kumpannija parent hija proprjetarja tal-kapital kollu tas-sussidjarja sabiex tippreżumi li din tal-ewwel teżerċita influwenza determinanti fuq il-politika kummerċjali ta' din is-sussidjarja. Il-Kummissjoni tkun f'pożizzjoni, sussegwentement, li tqis lill-kumpannija parent responsabbli *in solidum* għall-ħlas tal-multa imposta lis-sussidjarja tagħha, sakemm l-imsemmija kumpannija parent, li għandha l-oneru li tinverti din il-preżunzjoni, ma tipproduċix provi suffiċjenti li jistgħu juru li s-sussidjarja tagħha taġixxi b'mod awtonomu fis-suq (ara s-sentenzi tas-16 ta' Novembru 2000, Stora Kopparbergs Bergslags vs Il-Kummissjoni, C-286/98 P, Ġabra p. I-9925, punt 29; Akzo Nobel *et vs* Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 61; General Química *et vs* Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 40, kif ukoll ArcelorMittal Luxembourg vs Il-Kummissjoni u Il-Kummissjoni vs ArcelorMittal Luxembourg *et*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 98).

58 Mill-ġurisprudenza jirriżulta wkoll li, sabiex ikun żgurat jekk l-aġir ta' sussidjarja huwiex indipendenti fuq is-suq, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni l-provi kollha rilevanti li jirrigwardaw ir-rabtiet ekonomiċi, organizzattivi u ġuridiċi li jgħaqqdu lil din is-sussidjarja mal-kumpannija parent, li jistgħu jvarjaw skont il-każ u għaldaqstant

ma jistgħux jiġu elenkati b'mod eżawrjenti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Akzo Nobel *et vs Il-Kummissjoni*, iċċitata iktar 'il fuq, punti 73 u 74).

- 59 Il-preżunzjoni tal-eżerċizzju effettiv ta' influwenza determinanti b'mod partikolari tfittex li jintlaħaq bilanċ bejn l-importanza, minn naħa, tal-għan li jitrażżan aġir kuntrarju għar-regoli tal-kompetizzjoni, b'mod partikolari l-Artikolu 101 TFUE, u sabiex dan l-aġir ma jerġax iseħħ, u, min-naħa l-oħra, tal-eżiġenzi ta' ċerti prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni bħal, b'mod partikolari, il-prinċipji ta' preżunzjoni tal-innoċenza, ta' individwalità tal-pieni u ta' ċertezza legali kif ukoll ta' dritt tad-difiża, inkluż il-prinċipju ta' opportunitajiet ugwali. B'mod partikolari huwa għal dan il-għan li huwa konfutabbli, hekk kif jirriżulta mill-ġurisprudenza stabbilita fil-punt 56 ta' din is-sentenza.
- 60 Barra minn hekk, għandu jitfakkar li din il-preżunzjoni hija bbażata fuq il-konstatazzjoni li, ħlief f'ċirkustanzi eċċezzjonali, kumpannija li żżomm il-kapital kollu ta' sussidjarja tista' fid-dawl ta' din il-parti tal-kapital, teżerċita influwenza determinanti fuq l-aġir ta' din is-sussidjarja u, min-naħa l-oħra, li n-nuqqas ta' eżerċizzju effettiv ta' din is-setgħa ta' influwenza normalment ikun iktar utli li tkun imfittxija fil-qasam tal-entitajiet li kontrihom tintuża din il-preżunzjoni.
- 61 F'dawn iċ-ċirkustanzi, jekk ikun biżżejjed għal parti kkonċernata li, sabiex tirribatti din il-preżunzjoni, sempliċement tressaq allegazzjonijiet mhux sostnuti, tali preżunzjoni ma tkunx utli.
- 62 Barra minn hekk, mill-ġurisprudenza jirriżulta li preżunzjoni, anki jekk huwa diffiċli li tiġi kkonfutata, tibqa' fil-limiti aċċettabbli sakemm tkun proporzjonata għall-għan leġittimu mfittex, li teżisti l-possibbiltà li tipprova mod ieħor u li d-drittijiet tad-difiża

huma żgurati (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-23 ta' Diċembru 2009, Spector Photo Group u Van Raemdonck, C-45/08, Ġabra p. I-12073, punti 43 u 44, kif ukoll s-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, Janosevic vs L-Isvezja, tat-23 ta' Lulju 2002, Ġabra tas-sentenzi u tad-deċiżjonijiet, 2002-VII, punti 101 et seq).

- 63 F'dan il-każ, jirriżulta mill-punti 46 u 47 ta' din is-sentenza li l-appellanti ma tikkontestax b'hekk tali l-legalità tal-preżunzjoni tal-eżerċizzju effettiv ta' influwenza determinanti hekk kif stipulat fil-punti 56 u 57 ta' din is-sentenza. Hija ma tikkontestax l-applikabbiltà, fiċ-ċirkustanzi tal-każ, ta' tali preżunzjoni fil-każ fejn kumpannija parent iżżomm 98 % tal-kapital tas-sussidjarja tagħha.
- 64 Madankollu, l-argumenti tal-appellanti esposti fil-punti 43 sa 47 ta' din is-sentenza huma bbażati fuq l-allegazzjoni li tgħid li l-Qorti Ġenerali, fil-fatt, applikat verżjoni inkonfutabbli ta' din il-preżunzjoni.
- 65 Kuntrarjament għal dak li tallega l-appellanti, l-approċċ adottat mill-Qorti Ġenerali fis-sentenza appellata fir-rigward tal-provi prodotti mill-appellanti ma jirriżultax, meta kkunsidrati b'mod ġenerali, minn *probatio diabolica*. Fil-fatt, hekk kif jirriżulta mill-punt 58 ta' din is-sentenza, huwa għall-entitajiet li jixtiequ jirribattu l-preżunzjoni tal-eżerċizzju effettiv ta' influwenza determinanti li għandhom jipprovdu kwalunkwe informazzjoni dwar kwistjonijiet ekonomiċi, organizzattivi u ġuridiċi li jgħaqqdu lis-sussidjarja inkwistjoni mal-kumpannija parent u li huma jqisu ta' natura tali li turi li ma jikkostitwixxux entità ekonomika waħda.
- 66 F'dan ir-rigward, is-sempliċi fatt li entità ma tipproduċix f'każ partikolari, provi li jirribattu l-preżunzjoni tal-eżerċizzju effettiv ta' influwenza determinanti ma jfissirx li din il-preżunzjoni fl-ebda każ ma tista' tkun irribattuta.

- 67 F'dawn iċ-ċirkustanzi, billi l-kritika magħmula fit-tielet inċiż tal-punt 44 u fil-punti 45 sa 47 ta' din is-sentenza essenzjalment isostnu li l-evalwazzjoni mill-Qorti Ġenerali tal-argumenti mressqa mill-appellanti turi, sempliċement mill-konklużjoni tagħha — negattiva skont il-perspettiva tal-appellanti —, l-eżistenza ta' *probatio diabolica*, dawn għandhom jiġu miċħuda.
- 68 Madankollu, sa fejn din il-kritika jkollha l-għan, fil-fatt, li tikseb mill-Qorti tal-Ġustizzja evalwazzjoni ġdida tal-fatti kkonstatati mill-Qorti Ġenerali, hemm lok li din tiġi kkunsidrata bħala inammissibbli fl-appell. Fil-fatt, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li l-Qorti Ġenerali hija l-unika li għandha ġurisdizzjoni sabiex, minn naħa, tiddetermina l-fatti, ħlief fil-każ fejn ineżattezza materjali tal-kostatazzjonijiet tagħha tirriżulta mid-dokumenti tal-proċess li tressqu quddiemha, u min-naħa l-oħra, sabiex tevalwa dawn il-fatti. Għalhekk, l-evalwazzjoni tal-fatti ma tikkostitwixxix, bl-eċċezzjoni tal-iżnaturament tal-elementi ta' prova li jiġu prodotti quddiemha, kwistjoni ta' dritt suġġetta, bħala tali, għall-istħarriġ tal-Qorti tal-Ġustizzja (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tat-23 ta' April 2009, AEPI vs Il-Kummissjoni, C-425/07 P, Ġabra p. I-3205, punt 44 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 69 Sal-punt li, minn naħa, dawn l-istess kritiki jistgħu jiġu interpretati bħala li jirreferu għal nuqqas mill-Qorti Ġenerali tal-portata tal-istħarriġ ġudizzjarju tagħha, dawn jaqblu mar-raba' aggravju u għalhekk ma hemmx bżonn li jiġu eżaminati b'mod indipendenti fi ħdan din il-parti tal-ħames aggravju.
- 70 F'dan li jirrigwarda, barra minn hekk, il-kritika, deskritta fl-ewwel inċiż tal-punt 44 ta' din is-sentenza, li tgħid li l-ammont ta' parteċipazzjoni fil-kapital tas-sussidjarja jkun biżżejjed waħdu sabiex jattiva l-preżunzjoni tal-eżerċizzju effettiv ta' influwenza determinanti, għandu jiġi osservat li l-fatt li huwa diffiċli li wieħed jipprova xort'oħra sabiex jirribatti l-preżunzjoni minnha nnifisha ma timplikax li din hija inkonfutabbli, speċjalment meta l-entitajiet li fil-konfront tagħhom topera l-preżunzjoni huma f'pożizzjoni aħjar sabiex jipproduċu din il-prova fl-isfera tal-attivitajiet tagħhom.

- 71 Fir-rigward tat-tieni element invokat mill-appellanti sabiex turi n-natura, li fil-fatt hija inkonfutabbli, tal-preżunzjoni applikata mill-Qorti Ġenerali, imsemmija fit-tieni inċiż tal-punt 44 ta' din is-sentenza, għandu jiġi osservat li, jekk wieħed jassumi li l-Qorti Ġenerali, fil-punt 105 tas-sentenza appellata, ippermettiet is-setgħa diskrezzjonali fil-kap tal-Kummissjoni msemmi fl-istess tieni inċiż, tali ammissjoni jew tali setgħa ma taffettwax il-kwistjoni ta' jekk il-preżunzjoni applikata fis-sentenza appellata hija inkonfutabbli. Madankollu, dan l-argument ma jistax jiġi aċċettat.
- 72 Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, l-ewwel parti tal-ħames aggravju għandha tiġi miċħuda.

Fuq it-tieni parti tal-ħames aggravju li tgħid li l-preżunzjoni ta' responsabbiltà applikata mill-Qorti Ġenerali, ibbażata fuq il-kunċett ta' impriża, teqred il-prinċipju ta' awtonomija tal-persuni ġuridiċi

— L-argumenti tal-partijiet

- 73 L-appellanti tqis li s-sentenza appellata tikser il-prinċipju ta' sussidjarjetà, billi tfixkel b'mod sinjifikattiv il-prinċipju ta' awtonomija ta' persuni ġuridiċi, wieħed mill-pedamenti ġuridiċi prinċipali tad-dritt tal-kumpanniji tal-Istati Membri.
- 74 Skont l-appellanti, l-iżball ta' dritt tal-Qorti Ġenerali kien li tippretendi li għandha l-għażla li tiddeċiedi li huwa minħabba fil-pożizzjoni tal-impriża li għandha tiddeċiedi li ma għandhiex tapplika lill-persuna ġuridika li tiffurma din l-impriża la l-prinċipju ta' awtonomija u lanqas id-drittijiet ta' difiża.

- 75 Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ieħor ta' dritt meta kkunsidrat bħala superfluwu l-fatt li teżiġi mill-Kummissjoni li din tirreferi fid-deċiżjoni tagħha għall-indizji konkreti tan-nuqqas ta' awtonomija tas-sussidjarja tagħha fis-suq.
- 76 Il-Kummissjoni ssostni li l-prinċipju ta' sussidjarjetà ma ġiex invokat quddiem il-Qorti Ġenerali, b'mod li l-ksur tagħha jikkostitwixxi aggravju ġdid li huwa inammissibbli fl-appell. Fi kwalunkwe każ, fuq il-mertu, dan il-prinċipju ma japplikax f'dan il-każ, billi l-Unjoni Ewropea għandha ġurisdiżjoni esklużiva fil-qasam.
- 77 Barra minn hekk, il-kunċett ta' "impriża" fis-sens tad-dritt tal-kompetizzjoni huwa kunċett awtonomu tad-dritt tal-Unjoni. Għaldaqstant, l-"awtonomija" ta' kumpannija ma tkunx inkompatibbli mal-preżunzjoni li tinsab fil-ġurisprudenza tal-kontroll effettiv ta' kumpannija parent ta' ċerti sussidjarji tagħha.

— Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

- 78 Billi din il-parti hija bbażata fuq interpretazzjoni żbaljata tal-prinċipju ta' sussidjarjetà, hija għandha, skont il-ġurisprudenza ċitata fil-punt 35 ta' din is-sentenza, tiġi ddikjarata inammissibbli.
- 79 Barra minn hekk, hemm lok li l-ilment fil-punt 74 ta' din is-sentenza jiġi miċħud, billi jirrigwarda kunsiderazzjoni li l-Qorti Ġenerali ma għamlitx, u lanqas ma ssuġġeriet, fis-sentenza appellata.

- 80 Barra minn hekk, f'dak li jirrigwarda l-argument imsemmi fil-punt 75 ta' din is-sentenza, jirriżulta mill-punti 56 u 57 tiegħu li l-Kummissjoni ma hijiex obligata, sabiex ikun hemm il-preżunzjoni tal-eżerċizzju effettiv ta' influwenza determinanti f'każ partikolari, li ttiprovdi indizji addizzjonali għal dawk li juru l-applikabbiltà u l-operazzjoni ta' din il-preżunzjoni (ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenza Akzo Nobel *et vs* Il-Kummissjoni, punt 62). Il-Qorti Ġenerali għalhekk ma wettqet l-ebda żball billi din ma talbitx, irrispettivament mill-elementi dwar l-operat tal-preżunzjoni inkwistjoni, għal iktar indizji konkreti addizzjonali tan-nuqqas ta' awtonomija tas-sussidjarja tagħha fis-suq.
- 81 Għalhekk, billi l-argument imsemmi fil-punt 75 jikkritika n-nuqqas li tissanzjona l-motivazzjoni tad-deċiżjoni inkwistjoni f'dak li jirrigwarda l-appellanti, hija tirriproduċi t-tielet aggravju b'tali mod li ma hemmx b'żonn li dan jiġi eżaminat fil-kuntest ta' din il-parti tal-ħames aggravju.
- 82 Għaldaqstant it-tieni parti tat-tieni aggravju għandha tiġi miċhuda.

Fuq it-tielet parti tal-ħames aggravju li tgħid li l-marġni ta' diskrezzjoni tal-Kummissjoni għall-applikazzjoni tal-preżunzjoni ta' responsabbiltà tikser il-prinċipji ta' legalità u ta' ċertezza legali

— L-argumenti tal-partijiet

- 83 L-appellanti ssostni li s-sentenza appellata tikser il-ħtieġa ta' ċarezza tal-liġi u tal-prevedibbiltà li jimponu kemm il-prinċipju ta' legalità kif ukoll dak ta' ċertezza legali. Skont l-appellanti, jirriżulta mill-punti 97, 152, 167, 186 u 194 tas-sentenza

appellata li l-Qorti Ġenerali tqis li jeżistu żewġ sistemi ta' responsabbiltà fil-qasam tal-ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni. L-ewwel sistema tissanzjona l-involvement dirett tal-kumpanniji parent fi ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni bħala koawtur, b'tali parteċipazzjoni tkun "il-manifestazzjoni tar-rieda tagħhom stess". It-tieni sistema tissanzjona l-kumpanniji parent bħala kompliċi tal-aġir li jikkostitwixxi ksur tas-sussidjarji li huma 100% tagħhom, iżda mingħajr il-ħtieġa għal att fiżiku ta' parteċipazzjoni li tistabbilixxi l-kompliċità tagħhom, li jagħmel is-sitwazzjoni komparabbli ma' sistema ta' responsabbiltà għal atti ta' terzi.

84 Skont l-appellanti, jekk tali sistema ta' responsabbiltà għal atti ta' terzi teżisti fid-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni, *quod non*, din għandha tkun perfettament definita u applikata b'mod ċar u b'mod konsistenti mill-istituzzjonijiet. Madankollu, is-setgħa diskrezzjonali mogħtija mill-Qorti Ġenerali fil-punt 105 tas-sentenza appellata tkun inkonsistenti ma' dan ir-rekwiżit ta' ċarezza u ta' konsistenza.

85 F'dan ir-rigward, l-appellanti jilmentaw minn dak li huma jsejħu "konfużjoni doppja" magħmula mill-Qorti Ġenerali fil-punt 213 tas-sentenza appellata, l-ewwel nett, bejn l-imputabbiltà tar-responsabbiltà bejn il-kumpannija parent u r-responsabbiltà ta' din tal-aħħar għall-ħlas tal-multa u, it-tieni nett, bejn l-imputabbiltà tar-responsabbiltà u l-iffissar tal-multi, sa fejn il-Qorti Ġenerali tiġġustifika l-allegata setgħa diskrezzjonali tal-Kummissjoni sabiex timpluta r-responsabbiltà għall-marġni ta' diskrezzjoni fil-qasam tal-multi.

86 Il-Kummissjoni tikkunsidra li, fis-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ma tħalli l-ebda marġni ta' diskrezzjoni jew setgħa diskrezzjonali lill-Kummissjoni sabiex tevalwa jekk il-kundizzjonijiet jeżistu sabiex timpluta lil kumpannija parent ir-responsabbiltà għal ksur. Il-"marġni ta' evalwazzjoni" jirriżulta biss fl-istadju fejn, meta l-Kummissjoni tkun tista' timpluta r-responsabbiltà ta' ksur lil diversi kumpanniji fi grupp, hija tagħżel li timpluta lill-kumpanniji kollha tal-grupp jew biss lil xi wħud minnhom.

— Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

- 87 Kuntrarjament għal dak li ssostni l-appellanti, kemm fil-kuntest ta' din il-parti tal-ħames aggravju kif ukoll fl-ewwel aggravju invokat quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, il-Qorti Ġenerali ma stabbilixxietx, fil-punti 97, 152, 167, 186 u 194 tas-sentenza appellata, “sistema ta’ responsabbiltà għal atti ta’ terzi” fid-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni.
- 88 F’dan ir-rigward, għandu jiġi mfakkar, hekk kif il-Qorti Ġenerali essenzjalment indikat fil-punti 97, 152, 167 u 186 tas-sentenza appellata, u hekk kif jirriulta mill-punti 53 sa 55 ta’ din is-sentenza, li meta kumpannija parent u sussidjarja tagħha huma parti minn “impriża” waħda fis-sens tal-Artikolu 101 TFUE, dan ma huwiex neċessarjament sitwazzjoni fejn ikun hemm instigazzjoni għal ksur bejn il-kumpannija parent u s-sussidjarja u lanqas, *a fortiori*, involviment f’dan il-ksur mill-kumpannija parent, li jawtorizza lill-Kummissjoni tindirizza d-deċiżjoni li timponi multi fuq il-kumpannija parent, iżda l-fatt li l-kumpanniji kkonċernati huma impriża waħda, fit-tifsira tal-Artikolu 101 TFUE.
- 89 Barra minn hekk, jirriżulta mill-punt 105 ta’ din is-sentenza li l-Qorti Ġenerali ma għarfietx li għandha “setgħa diskrezzjonali sabiex timputa lil kumpannija r-responsabbiltà għal ksur mwettqa minn kumpannija oħra” li ġiet ikkritikata mill-argument tal-appellanti fil-punt 84 ta’ din is-sentenza. Fil-fatt, f’dan il-punt 105, il-Qorti Ġenerali essenzjalment innotat li l-osservazzjoni magħmula fil-premessa mitejn u sittin tad-deċiżjoni inkwistjoni kienet biss tiċħad l-argument ibbażat fuq in-nuqqas ta’ imputabbiltà, f’d-eċiżjonijiet preċedenti indirizzati lil Atofina, tal-aġir ta’ din tal-aħħar fir-rigward tal-kumpannija parent. Billi essenzjalment indikat li l-Kummissjoni ma allegatx li tgawdi minn setgħa diskrezzjonali fil-kuntest ikkritikat mill-appellanti quddiemha, il-Qorti Ġenerali ma affermatx, kuntrarjament għall-impressjoni li tipprova tagħti l-appellanti fil-kuntest tal-ħames aggravju, li teżisti fid-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni “sistema ta’ responsabbiltà għal atti ta’ terzi”.

- 90 L-argument fil-punti 83 u 84 ta' din is-sentenza huma għalhekk ibbażati fuq premissi żbaljati u hemm lok li jiġu miċħuda.
- 91 Bl-istess mod, jirriżulta li, billi l-kritika fil-punt 85 ta' din is-sentenza ma hijiex ammissibbli minħabba nuqqas ta' ċarezza, fi kwalunkwe każ din għandha tiġi miċħuda, sa fejn din tmur id f'id mal-argumenti fil-punti 83 u 84 ta' din is-sentenza
- 92 Għalhekk, it-tielet parti tat-tielet aggravju għandha tiġi miċhuda.

Fuq ir-raba' parti tal-ħames aggravju li tgħid li l-preżunzjoni ta' responsabbiltà tikser il-prinċipju ta' trattament ugwali

L-argumenti tal-partijiet

- 93 L-appellanti ssostni ksur tal-prinċipju ta' trattament ugwali sa fejn il-Qorti Ġenerali ddikjarat li l-appellanti u l-kumpanniji parent l-oħra msemmija fid-deċiżjoni inkwistjoni kienu ġew ittrattati bl-istess mod.
- 94 Skont il-Kummissjoni, is-sempliċi fatt li fid-deċiżjoni inkwistjoni, minbarra r-referenza tagħha għall-preżunzjoni ta' kontroll eżerċitat 100% mill-kumpannija

parent fuq is-sussidjarji tagħha, issemmi wkoll indizji fir-rigward tal-kumpannija parent tal-grupp ta' Akzo Nobel, dan ma jfissirx li l-Kummissjoni jew il-Qorti Ġenerali wettqu diskriminazzjoni kontra l-appellanti. Dan ikun biss ifisser li l-indizji sabiex tiġi attribwita r-responsabbiltà għal ksur ta' Akzo Nobel NV kienu iktar "qawwija", mingħajr dan ma jimplika li l-elementi li jippermettu li tiġi imputata lill-appellanti r-responsabbiltà tal-aġir li jikkawża ksur ta' Atofina ma humiex biżżejjed.

— Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

- ⁹⁵ Hekk kif ġie mfakkar fil-punt 63 ta' din is-sentenza, l-appellanti ma tikkontestax f'dan il-każ il-legalità tal-preżunzjoni tal-eżerċizzju effettiv ta' influwenza determinanti msemmi fil-punti 56 u 57 ta' din is-sentenza bħala tali, jew l-applikabbiltà ta' tali preżunzjoni fil-każ fejn kumpannija parent iżżomm 98 % tal-kapital tas-sussidjarja tagħha.
- ⁹⁶ Jirriżulta mill-punti 56, 57 u 80 ta' din is-sentenza li l-implementazzjoni tal-preżunzjoni tal-eżerċizzju effettiv ta' influwenza determinanti ma hijiex suġġetta għall-produzzjoni ta' indizji addizzjonali dwar l-eżerċizzju effettiv ta' influwenza tal-kumpannija parent (ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenza Akzo Nobel *et vs* Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 62).
- ⁹⁷ F'dawn iċ-ċirkustanzi, is-sempliċi fatt li l-Kummissjoni kellha tali indizji addizzjonali f'dak li jirrigwarda ċerti kumpanniji parent, u mhux oħrajn, u li semmiethom fid-deċiżjoni inkwistjoni ma jikkostitwixxix nuqqas legali li l-Qorti Ġenerali kienet meħtieġa li tissanzjona fis-sentenza appellata.
- ⁹⁸ Minn dan jirriżulta li r-raba' parti tal-ħames aggravju u għalhekk dan l-aggravju kollu kemm hu, għandu jiġi miċħud.

Fuq it-tieni aggravju, ibbażat fuq ksur tad-drittijiet tad-difiża li jirriżultaw mill-interpretazzjoni żbaljata tal-prinċipji ta' ekwità u opportunitajiet ugwali

- ⁹⁹ Pemezz tat-tieni aggravju tagħha, l-appellanti ssostni li l-punt 64 tas-sentenza appellata hija vvizzjata bi żball ta' dritt billi l-Qorti Ġenerali injorat il-prinċipju ta' opportunitajiet ugwali. Hekk kif espressament jirriżulta mill-istess appell, din il-parti tiżdied mal-kritika, imqajma fl-ewwel aggravju quddiem il-Qorti Ġenerali, li tinsab fl-ewwel inċiż tal-punt 32 ta' din is-sentenza.
- ¹⁰⁰ Essenzjalment, it-tieni aggravju huwa maqsum f'żewġ partijiet, li għandhom jiġu eżaminati flimkien.

L-argumenti tal-partijiet

- ¹⁰¹ L-ewwel parti hija bbażata fuq interpretazzjoni żbaljata tad-drittijiet tad-difiża tal-appellanti fl-ewwel fażi tal-proċeduri.
- ¹⁰² Skont Elf Aquitaine, il-Qorti Ġenerali ċaħdet, fir-rigward tad-drittijiet tagħha tad-difiża, kwalunkwe valur tal-investigazzjoni qabel ma ntbagħtet id-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet. Hija tilmenta li l-Qorti Ġenerali aċċettat li l-prinċipju ta' opportunitajiet ugwali ġie osservat minkejja li l-appellanti kienet informatha għall-ewwel darba bis-suspetti kontra tagħha fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet.

103 Tali nuqqas ta' rispettt tad-drittijiet tad-difiża tal-appellanti sa mill-ewwel fażi tal-proċedura amministrattiva hija inaċċettabbli għal tliet raġunijiet:

— l-ewwel nett, in-natura repressiva tas-sanzjonijiet li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE ma jippermettix lill-Qorti Ġenerali tikkunsidra li huwa biżżejjed li l-garanzji taħt l-Artikolu 6 tal-KEDB japplikaw mill-mument li tintbagħat id-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, bl-esklużjoni tal-fażi preliminari ta' investigazzjoni;

— imbagħad, id-dritt li tkun informat u li mismugħ fil-bidu tal-investigazzjoni kien iktar u iktar xieraq, skont l-appellanti, billi ma kinitx involuta fil-ksur u li meta seħħ dan hija ma kinitx taf bl-eżistenza stess tiegħu, u

— fl-aħħar nett, billi kienet biss informata bis-suspetti fir-rigward tagħha fl-istadju tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, l-appellanti ma kinitx f'pożizzjoni li tiegħu l-passi neċessarji sabiex tipprepara d-difiża tagħha. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali ma wegħbitx l-argumenti mqajma mill-appellanti matul is-seduta li hija setgħet tħalli jinqerdu l-provi tal-awtonomija tas-sussidjarja tagħha matul l-erba' snin ta' investigazzjoni qabel id-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, li inevitabbilment affettwa d-drittijiet tagħha ta' difiża.

104 Il-Kummissjoni ssostni li, billi bħal f'dan il-każ, hija ma eżerċitatx atti investigattivi fir-rigward tal-appellanti, hija għalhekk ma kinitx meħtieġa li tikkomunika lil din tal-aħħar is-suspetti tagħha mill-investigazzjoni preliminari.

- 105 Barra minn hekk, il-Kummissjoni ssostni b'mod partikolari li fi kwalunkwe każ, anki jekk tiġi pprovata l-allegata irregolarità invokata mill-appellanti, xorta jkollha tikkunsidra jekk tali irregolarità kienet ta' natura li effettivament taffettwa d-drittijiet tad-difiża tagħha fil-proċedura kkontestata. Madankollu, il-possibbiltà għall-appellanti li tipprova tirribatti l-preżunzjoni inkwistjoni, jew li targumenta li din il-preżunzjoni ma hijiex applikabbli, bl-ebda mod ma ġiet affettwata mill-fatt li huwa biss malli tirċievi d-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet li saret taf bis-suspetti kontra tagħha. Skont il-Kummissjoni, billi l-allegat telf ta' provi tal-awtonomija tas-sussidjarja matul dak il-perijodu kien biss imsemmi matul is-seduta, l-argument li kien ibbażat fuq dan huwa inammissibbli. Barra minn hekk, din ma hija sostnuta mill-ebda indizju.
- 106 It-tieni parti tat-tieni aggravju huwa bbażat fuq iċ-ċaħda tal-ħtieġa għal investigazzjoni imparzjali.
- 107 L-appellanti ssostni f'dan ir-rigward li l-Qorti Ġenerali ċaħdet il-ħtieġa anki fir-rigward tal-Kummissjoni sabiex twettaq investigazzjoni preliminari b'mod imparzjali.
- 108 Tali ċaħda hija, fil-fehma tal-appellanti, inammissibbli peress li, l-ewwel nett, investigazzjoni imparzjali hija pass preliminari meqjus bħala meħtieġ sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tindirizza, fejn xieraq, att ta' prosekuzzjoni bħalma hija dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet.
- 109 It-tieni nett, billi ċaħdet il-ħtieġa għal tali investigazzjoni, il-Qorti Ġenerali, skont l-appellanti, injorat il-ħtieġa ta' tmexxija imparzjali tal-investigazzjoni, ħtieġa li hija rekwiżit b'mod partikolari tal-prinċipju ta' opportunitajiet ugwali. Minħabba din il-pożizzjoni tagħha, il-Qorti Ġenerali, b'nuqqas ta' rispettt tad-dritt għal smiġħ xieraq u tal-prinċipju ta' ugwaljanza, tilfet kull kontroll imparzjali tal-investigazzjoni. Innuqqas ta' tali kontroll mill-Qorti Ġenerali tan-natura imparzjali tal-investigazzjoni tal-Kummissjoni tiġi, skont l-appellanti, mill-validazzjoni mill-Qorti Ġenerali

tal-applikazzjoni tal-preżunzjoni ta' responsabbiltà fir-rigward tal-appellanti sa mill-bidu tal-investigazzjoni, anki minn meta l-ksur kien għall-ewwel darba ddenunzjat lill-Kummissjoni.

- 110 F'dan ir-rigward, l-appellanti targumenta li n-natura neċessarjament parzjali tal-investigazzjoni fir-rigward tagħha tirriżulta mill-konċentrazzjoni, f'idejn id-Direttorat Ġenerali tal-Kompetizzjoni fil-Kummissjoni, ta' tliet poteri separati ta' investigazzjoni, ta' prosekuzzjoni u ta' deċiżjoni. Hija qalet li ma setgħetx tkun permessa tali konfużjoni ta' poteri f'idejn il-Kummissjoni fid-dawl tas-sanzjonijiet punittivi taħt l-applikazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE.
- 111 Min-naħa tagħha, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-appellanti naqset milli turi li l-Qorti Ġenerali rrifjutat li tivverifika l-imparzjalità tal-investigazzjoni tagħha. Fir-rigward tal-argument tal-appellanti bbażat fuq il-konċentrazzjoni tal-poteri f'idejn il-Kummissjoni (ara l-punt 110 ta' din is-sentenza), hija sostniet prinċipalment li huwa inammissibbli u, sussidjarjament, li fi kwalunkwe każ, huwa infondat.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

- 112 Skont ġurisprudenza stabbilita, u kif huwa kkonfermat fl-Artikolu 6(3) TUE, id-drittijiet fundamentali jagħmlu parti integrali mill-prinċipji ġenerali tad-dritt li l-Qorti tal-Ġustizzja tiżgura r-rispett tagħhom. Il-Qorti tal-Ġustizzja ripetutament iddeċidiet li d-drittijiet tad-difiża fit-tmexxija ta' proċeduri amministrattivi dwar il-politika tal-kompetizzjoni jikkostitwixxu prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni (ara,

b'mod partikolari, is-sentenza tat-3 ta' Settembru 2009, *Prym u Prym Consumer vs Il-Kummissjoni*, C-534/07 P, Ġabra p. I-7415, punt 26 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

- 113 Fir-rigward ta' proċedura skont l-Artikolu 81 KE, jirriżulta mill-ġurisprudenza li l-proċedura amministrattiva quddiem il-Kummissjoni tinqasam f'żewġ fażijiet distinti u suċċessivi li kull waħda minnhom għandha loġika interna tagħha, jiġifieri fażi ta' investigazzjoni preliminari, minn naħa, u fażi kontenzjuża, min-naħa l-oħra. Il-fażi ta' investigazzjoni preliminari, li testendi sad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, hija intiża sabiex tippermetti lill-Kummissjoni tiġbor l-elementi kollha rilevanti li jikkonfermaw jew le l-eżistenza ta' ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni u sabiex tiegħu l-ewwel pożizzjoni dwar l-orjentazzjoni kif ukoll is-segwitu tal-proċedura. Min-naħa tagħha, il-fażi kontenzjuża, li testendi mid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet għall-adozzjoni tad-deċiżjoni finali, għandha tippermetti lill-Kummissjoni tiddeċiedi b'mod definittiv dwar il-ksur ikkontestat (ara b'mod partikolari, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-15 ta' Ottubru 2002, *Limburgse Vinyl Maatschappij et vs Il-Kummissjoni*, C-238/99 P, C-244/99 P, C-245/99 P, C-247/99 P, C-250/99 P sa C-252/99 P u C-254/99 P, Ġabra p. I-8375, punti 181 sa 183, kif ukoll *Prym u Prym Consumer vs Il-Kummissjoni*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 27).
- 114 Fir-rigward tal-fażi ta' investigazzjoni preliminari, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li din il-fażi tibda mid-data li fiha l-Kummissjoni, fl-eżerċizzju tas-setgħat mogħtija lilha mil-leġiżlatur tal-Unjoni, tadotta miżuri li jimplikaw l-akkuża li ġie mwettaq ksur u li jwasslu għal riperkussjonijiet sinjifikattivi fuq is-sitwazzjoni tal-impreżi ssuspettati (ara s-sentenzi *Limburgse Vinyl Maatschappij et vs Il-Kummissjoni*, iktar 'il fuq, punt 182, kif ukoll tal-21 ta' Settembru 2006, *Nederlandse Federatieve Vereniging voor de Groothandel op Elektrotechnisch Gebied vs Il-Kummissjoni*, C-105/04 P, Ġabra p. I-8725, punt 38).
- 115 Huwa biss fil-bidu tal-fażi amministrattiva kontenzjuża li l-entità kkonċernata hija nformata, permezz tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, bl-elementi kollha essenzjali li fuqhom il-Kummissjoni tibbaża ruħha f'dan l-istadju tal-proċedura. Għalhekk, huwa biss wara li tintbagħat id-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet li l-impreża kkonċernata tista' tagħmel użu bis-sħiħ mid-drittijiet tad-difiża tagħha (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi *Limburgse Vinyl Maatschappij et vs Il-Kummissjoni*, punti 315 u

316; Nederlandse Federatieve Vereniging voor de Groothandel op Elektrotechnisch Gebied vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 47, kif ukoll tal-25 ta' Jannar 2007, Dalmine vs Il-Kummissjoni, C-407/04 P, Ġabra p. I-829, punt 59).

- 116 Jibqa' l-fatt li l-miżuri istrutturji adottati mill-Kummissjoni matul il-fażi ta' investigazzjoni preliminari, b'mod partikolari l-miżuri ta' investigazzjoni u t-talbiet għal informazzjoni, jistgħu f'ċerti sitwazzjonijiet, jimplikaw min-natura tagħhom l-akkuża ta' ksur għar-regoli tal-Unjoni fil-qasam tal-kompetizzjoni u jista' jkollhom riperkussjonijiet sinjifikattivi fuq is-sitwazzjoni tal-impriżi kkonċernati.
- 117 Huwa għalhekk importanti li jiġi żgurat li d-drittijiet tad-difiża jistgħu jiġu kompromessi b'mod irrimedjabbli matul din il-fażi ta' investigazzjoni preliminari tal-proċedura amministrattiva billi l-miżuri ta' investigazzjoni meħuda jista' jkollhom natura determinanti għall-istabbiliment tal-provi ta' natura illegali ta' mgħiba ta' impriżi li tista' timplika r-responsabbiltà tagħhom (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-21 ta' Settembru 1989, Hoechst vs Il-Kummissjoni, 46/87 u 227/88, Ġabra p. 2859, punt 15, kif ukoll tas-7 ta' Jannar 2004, Aalborg Portland *et* vs Il-Kummissjoni, C-204/00 P, C-205/00 P, C-211/00 P, C-213/00 P, C-217/00 P u C-219/00 P, Ġabra p. I-123, punt 63).
- 118 Għalhekk, fir-rigward tal-osservazzjoni ta' terminu raġonevoli, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, essenzjalment, li l-evalwazzjoni tas-sors ta' ostakoli eventwali għall-eżerċizzju effettiv tad-drittijiet tad-difiża ma għandux ikun limitat biss għall-fażi kontenzjuża tal-proċedura amministrattiva, iżda għandu jestendi għall-proċedura kollha billi ssir referenza għat-tul totali tagħha (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi Nederlandse Federatieve Vereniging voor de Groothandel op Elektrotechnisch Gebied vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punti 49 u 50, kif ukoll tal-21 ta' Settembru 2006, Technische Unie vs Il-Kummissjoni, C-113/04 P, Ġabra p. I-8831, punti 54 u 55).

- 119 Kunsiderazzjonijiet analogi japplikaw għad-domanda dwar jekk u sa fejn il-Kummissjoni hija obbligata tipprovdi lill-impriża kkonċernata, diġà fl-istadju tal-fażi ta' investigazzjoni preliminari, ċerti elementi ta' informazzjoni dwar is-suġġett u l-għan tal-investigazzjoni, li jippermettulha żżomm l-effikaċja tad-difiża tagħha fil-kuntest tal-fażi kontenzjuża.
- 120 Madankollu, dan ma jfissirx li l-Kummissjoni, qabel l-ewwel azzjoni meħuda fir-rigward ta' entità speċifika, hija meħtieġa li fi kwalunkwe każ, tinnotifika lil din l-entità bil-possibbiltà stess ta' miżuri istrutturji jew ta' prosekuzzjoni taħt id-dritt tal-Unjoni tal-kompetizzjoni, speċjalment jekk minħabba f'tali twissija, l-effettività tal-investigazzjoni tal-Kummissjoni tista' tiġi kompromessa bla bżonn (ara, f'dan is-sens, is-sentenza *Dalmine vs Il-Kummissjoni*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 60).
- 121 Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li l-prinċipju ta' responsabbiltà personali ma jipprekludix intenzjoni tal-Kummissjoni li tissanzjona l-kumpannija li wettqet ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni qabel ma tesplora jekk eventwalment, il-ksur jista' jiġi imputat lill-kumpannija parent tagħha (ara s-sentenza tal-24 ta' Settembru 2009, *Erste Group Bank et vs Il-Kummissjoni*, C-125/07 P, C-133/07 P, C-135/07 P u C-137/07 P, *Ġabra p. I-8681*, punt 82).
- 122 Għalhekk, sakemm id-destinatarju ta' dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet ikun f'pożizzjoni li jesprimi l-fehma tiegħu matul il-proċedura amministrattiva kontenzjuża fuq ir-realtà u r-rilevanza tal-fatti u taċ-ċirkustanzi allegati mill-Kummissjoni, din tal-aħħar fil-prinċipju ma hijiex mistennija, kuntrarjament għal dak li ssostni l-appellanti, li tinvestiga lil dan id-destinatarju qabel ma tintbagħat id-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet.
- 123 Din il-konklużjoni ma tistax tiġi kkontestata f'dan il-każ mill-argumenti esposti fil-punti 109 u 110 ta' din is-sentenza.
- 124 Fil-fatt, l-argument fil-punt 110 ta' din is-sentenza għandu jiġi kkunsidrat bħala inammissibbli minħabba l-istess raġunijiet stabbiliti fil-punti 35 u 51 ta' din is-sentenza.

- 125 Bl-istess mod, fir-rigward tal-argument imsemmi fil-punt 109 ta' din is-sentenza, jekk huwa minnu li jirriżulta mill-proċess quddiem il-Qorti Ġenerali li l-appellanti tkun irrapportat lil din in-nuqqas ta' miżuri istrutturji minn qabel meħuda direttament fir-rigward tagħha, huwa ċar, madankollu, li l-appellanti talbitha sabiex tissanzjona l-allegata imparzjalità tal-investigazzjoni tal-każ mill-Kummissjoni jew din in-nuqqas ta' miżura investigattiva bħala tali.
- 126 Minn dan isegwi li l-argument imqajjem f'dan il-punt 109 għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli taħt il-ġurisprudenza msemmija fil-punt 35 ta' din is-sentenza.
- 127 Għal dak li jirrigwarda l-argument imsemmi fl-ewwel inċiż tal-punt 103 ta' din is-sentenza, huwa biżżejjed li wieħed jinnota li dan jirrigwarda kunsiderazzjoni li l-Qorti Ġenerali ma għamlitx jew ssuġġeriet, fis-sentenza appellata, b'tali mod li għalhekk għandu jiġi miċħud.
- 128 Insegwitu, f'dak li jirrigwarda l-argumenti esposti fit-tieni inċiż tal-punt 103 ta' din is-sentenza, jirriżulta mill-punti 88 u 121 ta' din is-sentenza li r-responsabbiltà personali ma tipprekludix li l-Kummissjoni, wara li tkun ikkunsidrat, inizjalment, li tissanzjona l-kumpannija li għamlet il-ksur għar-regoli tal-kompetizzjoni, li tesplora jekk, eventwalment, il-ksur jistax jiġi imputat lill-kumpannija parent tagħha.
- 129 Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-argument fit-tielet inċiż tal-punt 103 ta' din is-sentenza, anki jekk wieħed jassumi li hija ammissibbli, minkejja l-ġurisprudenza stabbilita fil-punt 35 ta' din is-sentenza, billi din tikkostitwixxi estensjoni tas-seduta quddiem il-Qorti Ġenerali ta' motiv invokat fir-rikors promotur fl-ewwel istanza, għandu jiġi kkonstatat li dawn huma dikjarazzjonijiet sempliċi li ma humiex sostnuti minn l-ebda element konkret.

130 Dan l-argument ġenerali, astratt u mhux iddettaljat, fl-aħħar nett ma huwiex ta' natura li tiġi stabbilita f'dan il-każ ir-realtà ta' ksur tad-drittijiet tad-difiża, li għandha tiġi eżaminata fid-dawl ta' ċirkustanzi speċifiċi ta' kull każ inkwistjoni (ara, b'analoġija, is-sentenza *Nederlandse Federatieve Vereniging voor de Groothandel op Elektrotechnisch Gebied vs Il-Kummissjoni*, iċċitata iktar 'il fuq punti 52 sa 61).

131 Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, it-tieni aggravju għandu jiġi miċħud.

Fuq it-tielet aggravju, ibbażat fuq żbalji ta' dritt dwar l-obbligu ta' motivazzjoni

Fuq l-ewwel parti tat-tielet aggravju, ibbażat fuq żball ta' dritt dwar il-kunċett ta' motivazzjoni u ta' ineżattezza materjali tal-konstatazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali billi din tal-aħħar qieset bħala suffiċjenti l-motivazzjoni sommarja tad-deċiżjoni inkwistjoni

L-argumenti tal-partijiet

132 Permezz tal-ewwel parti tal-tielet aggravju tagħha, l-appellanti ssostni, l-ewwel nett, li l-Qorti Ġenerali b'mod żbaljat ibbażat fuq kunċett żbaljat tal-obbligu ta' motivazzjoni.

- 133 Elf Aquitaine tqis li l-Qorti Ġenerali kellha tikkonstata li l-motivazzjoni tad-deċiżjoni inkwistjoni fuq l-imputabbiltà tagħha tal-ksur inkwistjoni ma kienx biżżejjed sabiex tippermettilha li tkun taf jekk din id-deċiżjoni kinitx fondata jew jekk kinitx possibbilment invvizjata bi żball fuq il-mertu jew fuq il-forma.
- 134 Kuntrarjament għal dak li l-Qorti Ġenerali ddeċidiet fil-punti 81, 82 u 89 tas-sentenza appellata, ma kienx biżżejjed f'dan il-każ, skont l-appellanti, li hija tista' tifhem id-deċiżjoni inkwistjoni li l-Kummissjoni sempliċement akkużatha li teżerċita influwenza deċiżiva fuq il-politika kummerċjali ta' Atofina. Għall-kuntrarju, billi d-deċiżjoni inkwistjoni ma hijiex, kuntrarjament għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, att preparatorju, il-motivazzjoni tagħha kellha tkun ċara biżżejjed sabiex tippermetti, minn naħa, lill-appellanti tkun taf ir-raġunijiet għalfejn ittieħdet din id-deċiżjoni u sabiex tevalwa l-argumenti tagħha sabiex tiddeċiedi jekk tintroduċix rikors jew le u, min-naħa l-oħra, lill-Qorti Ġenerali li teżerċita l-istħarriġ tagħha tal-legalità jekk id-deċiżjoni inkwistjoni kellha tiġi mressqa quddiemha.
- 135 Fil-fatt, skont Elf Aquitaine, din il-motivazzjoni kellha tkun iktar preċiża kieku: i) l-appellanti ma kinitx ġiet avżata dwar il-prosekuzzjoni kontra tagħha qabel ma rċeviet id-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet; ii) din il-prosekuzzjoni kienet ibbażata biss fuq preżunzjoni ta' responsabbiltà mhux sostnuta minn l-ebda fatt konkret u li kien ikun impossibbli li tirribatti; iii) il-Kummissjoni titbiegħed mill-prassi deċiżjonali tagħha abitwali, u iv) id-deċiżjoni inkwistjoni twassal sabiex jiġu kkontestati numru ta' drittijiet fundamentali tal-appellanti.
- 136 Fir-rigward tat-tielet argument elenkat fil-punt (iii) preċedenti, l-appellanti ssostni b'mod partikolari li l-Kummissjoni rrikonoxxiet, fil-premessa ħames mija erbgħa u sebgħin tas-sommarju tad-deċiżjoni tagħha, tal-1 ta' Ottubru 2008, dwar proċedura skont l-Artikolu 81 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (COMP/C.39181 — Xama' għal xemgħa) (sommarju ppubblikat fil-ĠU 2009, C 295, p. 17) li d-deċiżjoni inkwistjoni tindika waqfa mill-prassi deċiżjonali

preċedenti tagħha, b'mod partikolari fir-rigward tal-appellanti. F'dan ir-rigward, din tirreferi wkoll għad-deċiżjoni perossidi organiċi (iċċitata fil-punt 22 ta' din is-sentenza) fejn, f'ċirkustanzi simili ħafna għal dawk ta' din il-kawża, hija ma kienet mibgħuta l-ebda ilment minħabba fl-aġir kollużiv tas-sussidjarja tagħha, Atofina.

- 137 It-tieni nett, Elf Aquitaine ssostni li l-konstatazzjoni tal-Qorti Ġenerali tan-natura adegwata tal-motivazzjoni tad-deċiżjoni inkwistjoni hija bbażata fuq konstatazzjonijiet fattwali li huma materjalment ineżatti, sal-punt li l-motivazzjoni mhux biss hija qasira, iżda skont l-appellanti hija insuffiċjenti jew kompletament nieqsa.
- 138 Minn naħa, id-deċiżjoni inkwistjoni ma tat l-ebda tweġiba għal ċerti argumenti speċifiċi mqajma insegwitu għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet.
- 139 Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni sempliċement qađdet, fid-deċiżjoni inkwistjoni, l-argumenti kollha kemm huma tal-appellanti, mingħajr spjegazzjoni, b'mod ġenerali u indiskriminat. Pereżempju, il-Kummissjoni ma tindikax liema dokumenti fost dawk sottomessi lilha ma jipprovdux, fil-fehma tagħha, "ħarsa ġenerali tal-ġestjoni tan-negożju".
- 140 Għalhekk, skont l-appellanti, il-Qorti Ġenerali kellha tannulla d-deċiżjoni inkwistjoni minħabba nuqqas ta' motivazzjoni.
- 141 Il-Kummissjoni l-ewwel nett tikkunsidra li din il-parti għandha tiġi ddikjarata bħala inammissibbli, peress li ma tidentifikax b'mod preċiż l-elementi kkontestati tas-sentenza appellata jew l-argumenti ġuridiċi invokati insostenn ta' din il-parti.

- 142 Hija żżid li l-ġurisprudenza u l-prassi deċiżjonali tal-Kummissjoni fil-qasam tar-responsabbiltà tal-kumpanniji parent kienu magħrufa sew sa mill-bidu tal-proċeduri li wasslu għad-deċiżjoni inkwistjoni.
- 143 Skont il-Kummissjoni, għalkemm ma jidherx li hemm, f'termini ta' fatti rilevanti, differenzi oġġettivament sinjifikattivi bejn il-proċedura li twassal għad-deċiżjoni inkwistjoni u dik li twassal għad-deċiżjoni perossidi organiċi, id-differenza fl-approċċ tal-Kummissjoni fid-deċiżjoni inkwistjoni tista' tiġi spjegata, minn naħa, mill-fatt li d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali tat-30 ta' Settembru 2003, Michelin vs Il-Kummissjoni (T-203/01, Ġabra p. II-4071) taqa' bejn id-data tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet dwar id-deċiżjoni perossidi organiċi u d-data tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet dwar id-deċiżjoni inkwistjoni u, min-naħa l-oħra, permezz ta' bidla fl-approċċ mill-Kummissjoni madwar is-snin 2002 u 2003.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

- 144 Skont ġurisprudenza stabbilita, jirriżulta mill-Artikolu 256 TFUE, mill-ewwel paragrafu tal-Artikolu 58 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u mill-Artikolu 112(1)(ċ) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, li appell għandu jindika b'mod preċiż l-elementi kkontestati tas-sentenza li qiegħed jintalab l-annullament tagħha kif ukoll l-argumenti legali li jsostnu b'mod speċifiku din it-talba (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-1 ta' Lulju 2010, Knauf Gips vs Il-Kummissjoni, C-407/08 P, Ġabra p. I-6375, punt 43 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 145 Kuntrarjament għall-affermazzjoni tal-Kummissjoni fil-punt 141 ta' din is-sentenza, din il-parti tissodisfa r-rekwiżiti ta' din il-ġurisprudenza u hija ammissibbli.

- ¹⁴⁶ Fuq il-mertu, għandu jiġi l-ewwel nett imfakkar li l-obbligu ta' motivazzjoni previst taħt l-Artikolu 253 KE jikkostitwixxi rekwiżit proċedurali essenzjali li għandu jkun distint mill-kwistjoni tal-fondatezza tal-motivazzjoni, b'dan tal-aħħar ikun ibbażat fuq il-legalità fuq il-mertu tal-att ikkontestat (ara s-sentenzi tat-2 ta' April 1998, *Il-Kummissjoni vs Sytraval u Brink's France*, C-367/95 P, Ġabra p. I-1719, punt 67 kif ukoll tat-22 ta' Marzu 2001, *Franza vs Il-Kummissjoni*, C-17/99, Ġabra p. I-2481, punt 35).
- ¹⁴⁷ F'din il-perspettiva, il-motivazzjoni rikjesta mill-Artikolu 253 KE għandha tiġi adattata għan-natura tal-att inkwistjoni u għandha turi b'mod ċar u inekwivoku r-raġunament tal-istituzzjoni, awtriċi tal-att, b'mod li tippermetti lill-partijiet ikkonċernati li jsiru jafu l-ġustifikazzjonijiet tal-miżura meħuda u lill-qorti kompetenti li teżerċita l-istħarriġ tagħha (ara s-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq, *Franza vs Il-Kummissjoni*, punt 35, u *Deutsche Telekom vs Il-Kummissjoni*, punt 130).
- ¹⁴⁸ Għalhekk, fil-kuntest tad-deċiżjonijiet individwali, jirriżulta minn ġurisprudenza stabbilita li l-obbligazzjoni li tiġġustifika deċiżjoni individwali għandha l-għan, minbarra li tippermetti sħarriġ ġudizzjarju, li tipprovdi lill-persuna kkonċernata indikazzjoni suffiċjenti dwar jekk id-deċiżjoni hijiex eventwalment ivvizzjata b'xi żball li jaġġmilha possibbli li tiġi kkontestata l-validità (ara b'mod partikolari, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-2 ta' Ottubru 2003, *Corus UK vs Il-Kummissjoni*, C-199/99 P, Ġabra p. I-11177, punt 145, kif ukoll tat-28 ta' Ġunju 2005, *Dansk Rørindustri et vs Il-Kummissjoni*, C-189/02 P, C-202/02 P, C-205/02 P sa C-208/02 P u C-213/02 P, Ġabra p. I-5425, punt 462).
- ¹⁴⁹ Għaldaqstant il-motivazzjoni, bħala prinċipju, għandha tiġi kkomunikata lill-parti kkonċernata fl-istess żmien mad-deċiżjoni li takkużaha. In-nuqqas ta' motivazzjoni ma tistax tiġi rregolarizzata bil-fatt li l-persuna kkonċernata ssir taf il-motivi tad-deċiżjoni matul il-proċeduri quddiem il-qorti tal-Unjoni (ara s-sentenzi tas-26 ta' Novembru 1981, *Michel vs Il-Parlament*, 195/80, Ġabra p. 2861, punt 22; tas-26 ta' Settembru 2002, *Spanja vs Il-Kummissjoni*, C-351/98, Ġabra p. I-8031, punt 84; tad-29 ta' April 2004, *IPK-München u Il-Kummissjoni*, C-199/01 P u C-200/01 P, Ġabra p. I-4627, punt 66, kif ukoll *Dansk Rørindustri et vs Il-Kummissjoni*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 463).

- 150 Hija ġurisprudenza stabbilita li l-ħtieġa ta' motivazzjoni għandha tkun evalwata abbażi taċ-ċirkustanzi tal-każ, b'mod partikolari tal-kontenut tal-att, tan-natura tal-motivi invokati u tal-interess li d-destinatarji tal-att jew kull persuna oħra kkonċernata direttament u individwalment mill-att jista' jkollha li tirċievi spjegazzjonijiet. Ma huwiex meħtieġ li l-motivazzjoni tispeċifika l-elementi kollha rilevanti ta' fatt u ta' dritt, sa fejn il-kwistjoni dwar jekk il-motivazzjoni ta' att tissodisfax ir-reqwiziti tal-Artikolu 253 KE tkun trid tiġi evalwata mhux biss b'riferiment għall-kliem użat fiha, iżda wkoll għall-kontest tagħha kif ukoll għar-regoli ġuridiċi kollha li jirregolaw il-qasam ikkonċernat (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi Il-Kummissjoni vs Sytraval u Brink's France, iċċitata iktar 'il fuq, punt 63; tal-10 ta' Lulju 2008, Bertelsmann u Sony Corporation of America vs Impala, C-413/06 P, Ġabra p. I-4951, punti 166 u 178, kif ukoll Deutsche Telekom vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 131).
- 151 Jirriżulta wkoll mill-ġurisprudenza li l-motivazzjoni ta' att għandha madankollu tkun loġika u partikolarment din ma għandha turi l-ebda kontradizzjoni interna li taffettwa l-fehim tar-raġunijiet wara dan l-att (ara, b'analoġija, Bertelsmann u Sony Corporation of America vs Impala, iċċitata iktar 'il fuq, punt 169, kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).
- 152 Meta, bħal fil-każ ineżami, deċiżjoni skont ir-regoli tal-Unjoni fil-qasam tad-dritt tal-kompetizzjoni jirrigwardaw numru ta' destinatarji u jirrigwardaw l-imputabbiltà tal-ksur, din għandha tagħti motivazzjoni suffiċjenti fir-rigward ta' kull wieħed mid-destinatarji tagħha, b'mod partikolari ta' dawk fosthom li, skont din id-deċiżjoni, għandhom ibatu r-responsabbiltà għal dan il-ksur. Għalhekk, fir-rigward ta' kumpannija parent miżmuma responsabbli għall-aġir tas-sussidjarja tagħha li jikkostitwixxi ksur, tali deċiżjoni għandha fil-prinċipju jkun fiha sunt iddettaljat tal-motivi tali li jiġġustifikaw l-imputabbiltà tal-ksur lil dik il-kumpannija (ara, b'analoġija, is-sentenza tat-2 ta' Ottubru 2003, Aristrain vs Il-Kummissjoni, C-196/99 P, Ġabra p. I-11005, punti 93 sa 101).
- 153 Fir-rigward, b'mod partikolari ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni bbażata esklużivament, fir-rigward ta' ċerti destinatarji, fuq il-preżunzjoni tal-eżerċizzju effettiv ta' influwenza determinanti, għandu jiġi kkonstatat li l-Kummissjoni hija fi kwalunkwe każ — jekk

dan ma jkunx il-każ, tali preżunzjoni, fil-fatt, tkun inkonfutabbli — obligata li tippovdi b'mod adegwat lil dawn id-destinatarji r-raġunijiet li għalihom il-punti ta' fatt u ta' liġi invokati ma kinux biżżejjed sabiex jirribattu din il-preżunzjoni. Il-kompitu tal-Kummissjoni li timmotiva d-deċiżjoni tagħha fuq dak il-punt jirriżulta b'mod ċar min-natura konfutabbli tal-preżunzjoni inkwistjoni, li sabiex tingħeleb l-appellanti għandha tipproduċi prova li tirrigwarda r-rabtiet ekonomiċi, organizzattivi u ġuridiċi kollha bejn il-kumpanniji kkonċernati.

- 154 Madankollu, għandu jiġi mfakkar li f'tali kuntest il-Kummissjoni ma hijiex meħtieġa li tiegħu pożizzjoni dwar elementi li huma manifestament irrilevanti, mingħajr tifsira jew b'mod ċar sekondarji (ara, b'analoġija, is-sentenzi Il-Kummissjoni vs Sytraval u Brink's Franza, iċċitati iktar 'il fuq, punt 64; tal-1 ta' Lulju 2008, Chronopost u La Poste vs UFEX *et*, C-341/06 P u C-342/06 P, Ġabra p. I-4777, punt 89, kif ukoll Bertelsmann u Sony Corporation of America vs Impala, iċċitata iktar 'il fuq, punt 167).
- 155 Barra minn hekk, jirriżulta mill-ġurisprudenza li jekk deċiżjoni tal-Kummissjoni li hija parti minn prassi deċiżjonali stabblita tista' tkun motivata b'mod sommarju, b'mod partikolari permezz ta' referenza għal din il-prassi, billi din tmur b'mod sinjifikattiv iktar lil hinn minn deċiżjonijiet preċedenti, huwa għall-Kummissjoni li tiżviluppa r-raġunament tagħha b'mod espliċitu (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tas-26 ta' Novembru 1975, Groupement des fabricants de papiers peints de Belgique *et* vs Il-Kummissjoni, 73/74, Ġabra p. 1491, punt 31, kif ukoll tal-11 ta' Diċembru 2008, Il-Kummissjoni vs Département du Loiret, C-295/07 P, Ġabra p. I-9363, punt 44).
- 156 Permezz ta' din il-parti tat-tielet aggravju, l-appellanti ssostni, essenzjalment, li l-Qorti Ġenerali għandha tissanzjona nuqqas ta' motivazzjoni li tivvizzja d-deċiżjoni inkwistjoni billi din tirrigwarda l-appellanti.
- 157 Hekk kif jirriżulta mill-punt 87 tas-sentenza appellata u tal-elementi tal-proċess quddiem il-Qorti Ġenerali, l-argumenti mressqa mill-appellanti bi tweġiba għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet sabiex tirribatti l-preżunzjoni applikata

mill-Kummissjoni huma elenkati, fil-qosor, fil-premessa mitejn sebgħa u ħamsin tad-deċiżjoni inkwistjoni. Il-pożizzjoni tal-Kummissjoni fir-rigward ta' dawn l-elementi tinsab fil-premessi mitejn tmienja u ħamsin sa mitejn wieħed u sittin ta' din id-deċiżjoni.

158 Fir-rigward ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti Ġenerali, li indikat il-parti essenzjali tal-premessa mitejn tmienja u ħamsin ta' din id-deċiżjoni fil-punt 85 tas-sentenza appellata, tikkonstata, fil-punt li jmiss, li “għalkemm il-Kummissjoni ddikjarat espliċitament [f'din il-premessa], li ż-żamma ta' 98% tal-kapital kien biżżejjed sabiex ir-responsabbiltà għall-azzjonijiet ta' Atofina tkun imputabbli lil Elf Aquitaine, din madankollu ppreċiżat fl-istess premessa, li l-provi pprovduti mill-appellanti ma jirribattux il-preżunzjoni.”

159 Jekk huwa minnu li fil-premessi mitejn disgħa u ħamsin sa mitejn wieħed u sittin tad-deċiżjoni inkwistjoni, il-Kummissjoni tirrispondi għal xi wħud mill-argumenti mqajma mill-appellanti quddiemha, xorta jibqa' il-fatt li dawn il-+kunsiderazzjonijiet ma jindirizzawx numru ta' argumenti oħra li fir-rigward tagħhom l-uniku teħid ta' pożizzjoni li jinsab fid-deċiżjoni inkwistjoni huwa magħmul minn dik il-premessa 258. Skont il-ġurisprudenza stabbilita fil-punti 54 sa 58 ta' din is-sentenza, dawn l-argumenti kienu partikolarment jirrigwardaw aspetti ekonomiċi, organizzazzjonali u ġuridiċi li juru li fiż-żmien tal-fatti, Atofina kienet tiddetermina b'mod awtonomu l-aġir tagħha fis-suq u li ma kinitx tapplika l-istruzzjonijiet li kienet tingħata mill-kumpannija parent tagħha.

160 Essenzjalment, dawn huma l-argumenti li ġejjin:

— Elf Aquitaine hija biss “holding pura” mingħajr funzjonijiet operazzjonali, fi ħdan grupp kkaratterizzat minn ġestjoni deċentralizzata tas-sussidjarji tagħha;

- il-ġestjoni tal-attività ta' Atofina fis-suq ma hijiex suġġetta għall-istruzzjonijiet ta' Elf Aquitaine;

- Atofina ma informatx lil Elf Aquitaine tal-azzjoni tagħha fis-suq;

- Atofina tiddisponi mis-setgħa li tidħol fi kuntratt mingħajr awtorizzazzjoni minn qabel ta' Elf Aquitaine;

- Atofina tiddisponi minn awtonomija finanzjarja minn Elf Aquitaine;

- Atofina dejjem iddefiniet l-istrateġija legali tagħha b'mod awtonomu, u

- il-perċezzjoni ta' terzi.

¹⁶¹ Għalhekk, hekk kif jirriżulta mill-punti 150 u 154 ta' din is-sentenza, u hekk kif indikat mill-Qorti Ġenerali fil-punt 90 tas-sentenza appellata, il-Kummissjoni mhux neċessarjament hija meħtieġa li tiegħu pożizzjoni fuq l-argumenti kollha invokati mill-partijiet ikkonċernati.

- 162 Madankollu, jirriżulta wkoll mill-punt 150 ta' din is-sentenza li r-rekwiżit ta' motivazzjoni għandu jiġi evalwat skont iċ-ċirkustanzi tal-każ.
- 163 Skont l-appellanti, id-deċiżjoni inkwistjoni u l-proċedura li fiha tidħol huma kkaratterizzati b'mod partikolari mill-fatt li din id-deċiżjoni, b'mod partikolari billi biss fir-rigward tal-appellanti tibbaża fuq preżunzjoni ta' responsabbiltà għall-azzjonijiet tas-sussidjarja tagħha, mingħajr ma tipproduċi provi li juru interferenza fl-aġir kummerċjali ta' din is-sussidjarja, tbiegħdet mill-prassi deċiżjonali tal-Kummissjoni.
- 164 F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni ssostni li l-ġurisprudenza u l-prassi deċiżjonali tagħha fil-qasam tar-responsabbiltà tal-kumpanniji parent kienet magħrufa sewwa fil-bidu tal-proċedura li wasslet għad-deċiżjoni inkwistjoni. Madankollu, fin-noti tagħha, hija indikat li "l-prattika tal-Kummissjoni dwar l-użu tal-preżunzjoni bbażata fuq iż-żamma tal-kapital kollu ma kienx dejjem l-istess". Barra minn hekk, jekk il-Kummissjoni tgħid li ddeċidiet "madwar fl-2002-2003", sabiex tapplika din il-preżunzjoni b'mod iktar sistematiku, hija ma tagħmel l-ebda referenza għal xi deċiżjoni jew dokument ieħor li jenfasizza din il-bidla fl-approċċ. Għalhekk, hija ma indirizzatx direttament l-affermazzjoni tal-appellanti li tgħid li l-premessa ħames mija erbgħa u sebgħin tad-deċiżjoni tal-1 ta' Ottubru 2008 iċċitata fil-punt 136 ta' din is-sentenza kienet tirrikonoxxi li d-deċiżjoni inkwistjoni turi waqfa mill-prassi deċiżjonali preċedenti, b'mod partikolari fir-rigward tal-appellanti.
- 165 Fi kwalunkwe każ huwa stabbilit li f'dan il-każ, hekk kif jirriżulta b'mod partikolari mill-punti 136 u 143 ta' din is-sentenza, li fid-deċiżjoni perossidi organiċi, l-appellanti ma għietx imposta flimkien u *in solidum* mas-sussidjarja tagħha multa dwar l-aġir li jwassal il-ksur ta' din tal-aħħar, meta kien jidher li ma hemm l-ebda differenza oġġettiva, mill-perspettiva tal-appellanti għall-inqas, dwar ir-relazzjoni bejn din u s-sussidjarja tagħha fiż-żewġ każijiet.

166 Id-deċiżjoni inkwistjoni u l-proċedura li fiha tidħol huma iktar ikkaratterizzati miċ-ċirkustanzi li ġejjin:

- billi l-multa relatata mal-aġir li jwassal għal ksur ta' Atofina hija imposta fuq din tal-aħħar u fuq l-appellanti flimkien u *in solidum*, fattur multiplikatur ta' importanza ikbar huwa użat sabiex jiġi kkalkolat l-ammont inizjali tal-multa, sabiex l-ammont finali ta' din ikun ferm oġhla milli kieku kien ikun jekk is-sussidjarja biss kienet destinatarja ta' multa;
- il-multa hija imposta fuq l-appellanti fuq il-bażi biss ta' "preżunzjoni li Elf Aquitaine hija responsabbli għall-atti tas-sussidjarja tagħha Atofina", preżunzjoni li ma hijiex neċessarjament identika fl-applikazzjoni tagħha għall-preżunzjoni tal-eżerċizzju effettiv ta' influwenza determinanti, esposta fil-punti 56 u 57 ta' din is-sentenza;
- hekk kif jirriżulta mill-parti ta' din is-sentenza ddedikata għat-tieni aggravju, l-appellanti ma kinitx formalment informata dwar il-possibbiltà li tkun imputata bir-responsabbiltà tal-aġir li wassal għal ksur tas-sussidjarja tagħha fl-istadju tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, jiġifieri erba' snin wara l-bidu tal-investigazzjonijiet mill-Kummissjoni, u
- bi tweġiba għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, l-appellanti, hekk kif jirriżulta mill-proċess quddiem il-Qorti Ġenerali, għamlet serje ta' argumenti, li jibbażaw partikolarment fuq il-ġurisprudenza tal-Unjoni, il-prassi deċiżjonali tal-Kummissjoni u fuq ċerti dokumenti mehmuża fl-anness.

167 F'dawn iċ-ċirkustanzi, hekk kif jirriżulta mill-punti 146 sa 155 ta' din is-sentenza, u b'mod partikolari mill-punti 148, 152, 153 u 155 ta' dan, kien għall-Qorti Ġenerali li

fid-dawl taç-ċirkustanzi kollha tal-każ, b'mod partikolari l-bdil fil-metodu — mhux ikkontestat f'dawn il-proċeduri — fil-konfront tal-appellanti bejn id-deċiżjoni dwar il-perossidi organiċi u d-deċiżjoni inkwistjoni, li tingħata attenzjoni partikolari dwar jekk din l-aħħar deċiżjoni tinkludi stqarrija dettaljata tar-raġunijiet għaliex il-Kummissjoni kkunsidrat li l-provi prodotti mill-appellanti ma kinux biżżejjed sabiex tirribatti l-preżunzjoni applikata f'din id-deċiżjoni.

168 Kif jirriżulta mill-punt 85 tas-sentenza appellata, il-premessa mitejn tmienja u ħamsin tad-deċiżjoni inkwistjoni, li hija l-unika pożizzjoni meħuda mill-Kummissjoni korrispondenti għall-argumenti elenkati fil-punt 160 ta' din is-sentenza, tikkonsisti biss f'serje ta' sempliċi allegazzjonijiet u ċħid, ripetittiv u mhux dettaljat. Fiċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ, fin-nuqqas ta' kjarifiki ulterjuri, din is-serje ta' allegazzjonijiet u ċħid ma hijiex ta' natura li tippermetti lill-persuni kkonċernati li jistħarrġu għ-ġustifikazzjonijiet għall-miżura meħuda jew li l-qorti kompetenti teżerċita l-istħarriġ tagħha. Pereżempju, minħabba l-kliem ta' din il-premessa, jidher li huwa ferm diffiċli jekk mhux impossibbli, li b'mod partikolari wieħed ikun jaf jekk l-indizji prodotti mill-appellanti sabiex tirribatti l-preżunzjoni lilha applikata mill-Kummissjoni ġiet miċħuda għaliex ma kinitx konvinċenti jew għaliex, fl-għajnejn tal-Kummissjoni, il-fatt biss li l-appellanti żżomm 98 % tal-kapital ta' Atofina kien biżżejjed sabiex l-azzjonijiet ta' Atofina jkunu imputabbli lill-appellanti, irrispettivament mill-indizji prodotti minn din tal-aħħar bi tweġiba għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet.

169 Għalhekk, il-premessa mitejn tmienja u ħamsin tad-deċiżjoni inkwistjoni ma tistax tiġi interpretata bħala li timmotiva biżżejjed il-pożizzjoni legali tal-Kummissjoni dwar numru ta' argumenti ddettaljati tal-appellanti.

170 Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, għandu jiġi kkonstatat li fiċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ, il-Qorti Ġenerali, minħabba fil-ġurisprudenza stabbilita fil-punti 147 sa 155 ta' din is-sentenza, wettqet żball ta' dritt meta kkunsidrat, fil-punt 91 tas-sentenza

appellata, li d-deċiżjoni inkwistjoni kienet konformi mal-Artikolu 253 KE u billi ma ssanzjonatx nuqqas ta' motivazzjoni li tivvizzja d-deċiżjoni inkwistjoni f'dak illi jirrigwarda l-multa imposta fuq l-appellanti.

171 Għalhekk l-ewwel parti tat-tielet aggravju ma hijiex fondata.

Fuq it-tieni parti tat-tielet aggravju kif ukoll fuq ir-raba' u s-sitt aggravji

172 Essenzjalment, it-tieni parti tat-tielet aggravju hija bbażata fuq in-natura inkomprensibbli u ċ-ċirkolarità ta' ċerti elementi tar-raġunament tal-Qorti Ġenerali.

173 Permezz tar-raba' aggravju tagħha, l-appellanti targumenta li, fil-punti 160 *et seq* tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali eċċediet il-limiti tal-istħarriġ tagħha billi tissostitwixxi l-motivazzjoni tagħha għal dik, insuffiċjenti, tal-Kummissjoni.

174 Hekk kif jirriżulta mill-punt 27 ta' din is-sentenza, is-sitt aggravju huwa invokat b'mod sussidjarju.

175 Fid-dawl tat-tweġiba mogħtija għall-ewwel parti tat-tielet aggravju, ma hemmx lok li tiġi eżaminata t-tieni parti ta' dan u lanqas ir-raba' u s-sitt aggravji.

- 176 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha msemmija iktar 'il fuq, hemm lok li l-appell jiġi milqugħ u li s-sentenza appellata tiġi annullata.

Fuq ir-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali

- 177 B'konformità mat-tieni sentenza tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 61 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, meta l-appell huwa fondat, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' f'każ ta' annullament tad-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali, tiddeċiedi b'mod definittiv dwar il-kawża ladarba l-istat tal-atti jippermetti li dan iseħħ. Dan huwa l-każ fil-kawża preżenti.
- 178 Hekk kif jirriżulta mill-punt 9 ta' din is-sentenza, it-tieni motiv invokat quddiem il-Qorti Ġenerali huwa bbażat fuq nuqqas ta' motivazzjoni. Permezz ta' dan il-motiv, l-appellanti essenzjalment kienet qieset nuqqas ta' motivazzjoni li tivvizzja d-deċiżjoni inkwistjoni peress li din timputalha r-responsabbiltà għall-aġir li jikkostitwixxi ksur tas-sussidjarja tagħha biss fuq il-fatt li din iżżomm sehem mill-kapital ta' din tal-aħħar u mingħajr l-ebda spjegazzjoni oħra.
- 179 Fid-dawl tal-iżviluppi fil-punti 144 sa 171 ta' din is-sentenza, fil-kuntest tal-ewwel parti tat-tielet aggravju, it-tieni motiv invokat quddiem il-Qorti Ġenerali għandu jiġi kkunsidrat bħala fondat.
- 180 Għalhekk, hemm lok li tiġi annullata d-deċiżjoni inkwistjoni billi din, mingħajr motivazzjoni xierqa għaċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ, timputa l-ksur inkwistjoni lill-appellanti u timmultaha.

181 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma hemmx lok li jiġu eżaminati l-motivi l-oħra mressqa quddiem il-Qorti Ġenerali.

Fuq l-ispejjeż

182 L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 122 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja jipprovdu li meta l-appell ma huwiex fondat jew meta l-appell ikun fondat u l-Qorti tal-Ġustizzja taqta' l-kawża definittivament hija stess, hija għandha tiddeċiedi dwar l-ispejjeż.

183 Skont l-Artikolu 69(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja applikabbli fl-appell skont l-Artikolu 118 ta' dan, kull parti li ttitlef għandha tbatl l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu. L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 69(3) tal-istess regoli jippreċiża madankollu li jekk il-partijiet ikunu telliefa rispettivament fuq kap jew iktar tat-talbiet tagħhom jew għal raġunijiet eċċezzjonali, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tiddeċiedi li taqsam l-ispejjeż jew tiddeċiedi li kull parti tbatl l-ispejjeż tagħha.

184 Billi, kemm l-appellanti kif ukoll il-Kummissjoni parzjalment tilfu fuq uħud mill-kapijiet fl-appell, ġie deċiż li huma għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom relatati ma' din il-proċedura.

185 Madankollu, f'dak li jirrigwarda l-ispejjeż relatati mar-rikors fl-ewwel istanza, billi l-Kummissjoni kienet tilfet, hija għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż tal-proċeduri fl-ewwel istanza, hekk kif mitlub mill-appellanti.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) taqta' u tiddeċiedi:

- 1) **Is-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej, tat-30 ta' Settembru 2009, Elf Aquitaine vs Il-Kummissjoni (T-174/05), hija annullata.**
- 2) **Id-Deċizzjoni tal-Kummissjoni C(2004) 4876 finali, tad-19 ta' Jannar 2005, dwar proċedura skont l-Artikolu 81 [KE] u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/E-1/37.773 — AMCA) hija annullata peress li din timputa l-ksur inkwistjoni lil Elf Aquitaine SA u timmultaha.**
- 3) **Elf Aquitaine SA u l-Kummissjoni Ewropea għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom stess li huma relatati ma' dan l-appell.**
- 4) **Il-Kummissjoni hija kkundannata għall-ispejjeż tal-ewwel istanza.**

Firem